# PROFEZIJI MILL-KTIEB TA’ DANJEL U T-TWETTIQ TAGĦHOM

Minn George Ebejer

# INTRODUZZJONI

Dan l-istudju se jkun maqsum f'erba' partijiet, jiġifieri, l-ewwel u t-tieni studji se jittrattaw dwar "is-Sebgħin Ġimgħa" u t-tielet studju jittratta dwar iz-"Żmien ta' Diqa" ta' Danjel 12:1-2, u r-raba' studju jittratta dwar "X'Kienu l-Konsegwenzi għall-Ġenerazzjoni li Rriġettat lil Kristu? Kienet id-Deżola-zzjoni Ta' 70 W.K. Imbassra Minn Kristu? Dawn ukoll huma mogħtija interpretazzjoni żbaljata mill-millenjalisti, għalhekk huwa tajjeb li wieħed ikollu idea tajba dwar it-tifsira ta' dawn il-versi minn Danjel 12 u wkoll dwar ir-raba' studju. L-iskop huwa biex wieħed jidħol aktar fid-dettall u nolqtu kemm jista' jkun il-punti kollha dwar dawn is-suġġetti.

Is-suġġett dwar l-interpretazzjoni t-tajba tal-profeziji huwa ovvjament importanti ħafna. Kemm jekk il-kliem tal-profeti jirriferu għall-knisja u għandhom it-twettiq tagħhom f'dan iż-żmien preżenti ta' l-Evanġelju, jew li "taqbeż" din it-taqsima kompletament u jkollok riferenza għal żmien ta' saltna Lhudija, li f'xi mument din tibdilha, hija kustjoni ta' interpretazzjoni Biblika li tikkonċerna bl-akbar serjetà lil kull Kristjan li jrid li jkun jaf sewwa x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dawn il-ħwejjeġ u li jaqra sewwa l-iskopijiet tal-grazzja ta' Alla.

Dan is-suġġett mhux biss huwa importanti; imma għandu jkun mifhum malajr kemm jista' jkun għaliex jekk aħna ngħall-mu b'mod ħażin dak li l-Ispirtu s-Santu irrivela fil-Kelma Tiegħu, dan mhux biss ikun ifisser it-telfien tagħna għal dejjem imma wkoll ta' dawk kollha li aħna mmexxuhom fit-triq il-ħażina! Din hija responsabbiltà kbira fuq spallejna. Il-Kelma ta' Alla tgħid hekk dwar ir-responsabbiltà ta' dawk li jgħallmu:

> "*Ftakru f'dawk li jmexxukom, dawk li wassl-ulkom il-kelma ta' Alla;* ***aħsbu fuq it-tmiem ta' ħajjithom****, imxu fuq l-eżempju tal-fidi tagħhom…Oqogħdu għal dawk li jmexxu-kom, u obduhom, għax huma jgħassu fuqkom għall-ġid tagħkom,* ***bħala nies li għad iridu jagħtu kont tagħkom****. Hekk huma jaqdu dan id-dmir bil-ferħ, u mhux bi swied il-qalb;*

> *għax dan ma jkun jiswielkom ta' ebda ġid*" (Lhud 13:7, 17).

Minn dan naraw kemm hija kbira r-responsabbiltà ta' min igħallem. "*Bħala nies li għad iridu jagħtu kont tagħkom.*" Għalhekk, l-ewwel ħaġa li għandna nagħmlu hija, li nwarrbu t-tagħlim kollu tal-bnedmin dwar dan is-suġġett u nħallu lil l-Ispirtu s-Santu jiggwidana Hu billi jinterpretalna Hu l-Kelma Tiegħu!

Il-profeziji tat-Testment il-Qadim qegħdin jiġu interpretati b'mod żbaljat għal kollox minn għalliema u profeti foloz. Ħafna nies reliġjużi li huma sinċiera qegħdin jaċċettaw dan it-tagħlim falz u b'hekk qegħdin jipperikolaw li jitilfu l-ħajja ta' dejjem li hija mwiegħda lilna fil-Kelma ta' Alla. Kemm kien ikun sewwa li kieku aħna konnha nkunu ma' Ġesù f'dak il-waqt li Hu:

> "*Beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu*" (Luqa 24:27).

Imma, għalkemm ma nistgħux nissieħbu ma' dik l-udjenza magħżula, aħna nistgħu naqbdu l-Kelma Tiegħu u nitgħallmu Minnu kif ninterpretaw il-ħwejjeġ kollha fl-Iskrittura. Aħna nistgħu nagħmlu dan għaliex l-appostli u l-profeti li kitbu kienu iggwidati mill-Ispirtu s-Santu, li rrivela l-ħwejjeġ kollha dwar Kristu (Ġwanni 16:13-15). Kemm it-Testment il-Qadim u kemm it-Testment il-Ġdid huma l-Kelma ta' Alla. Għalhekk għandna nħallu lilhom jinterpretaw lilhom infushom u mhux lill-bnedmin! L-appostlu Pietru jgħidilna:

> "*Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li l-ebda profezija ta' l-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu*" (2 Pietru 1:20-21).

INDIĊI PAĠNA

L-ewwel Studju:
Is-Sebgħin Ġimgħa Ta' Danjel 9:23-27 4—11

It-Tieni Studju:
Is-Sebgħin Ġimgħa Ta' Danjel 9:23-27
(Ikompli) 12—25

It-Tielet Studju:
"Żmien Ta' Diqa" – Danjel 12:1-2 26—30

Ir-Raba' Studju:
X'Kienu l-Konsegwenzi għall-Ġenerazzjoni
Li Rriġettat lil Kristu? Kienet id-Deżolazz-
Joni Ta' 70 W.K. Imbassra Minn Kristu? 31—41

## L-EWWEL STUDJU

# IS-SEBGĦIN ĠIMGĦA TA' DANJEL 9:23-27

"*Għax dawn huma jiem ta' vendetta, li fihom iseħħ kulma nkiteb*" (Luqa 21:22).

"*Fil-bidu tat-tħannin tiegħek ħarġet kelma, u jien ġejt biex ngħarafhielek; għax int maħbub wisq: għalhekk moħħok fil-kelma, u ifhem id-dehra. Sebgħin ġimgħa huma maqtugħin għall-poplu tiegħek, u għall-belt imqaddsa tiegħek, biex ikun miżmum il-ħażen, u biex jintemmu d-dnubiet, biex titħallas il-ħtija, u biex tiġi s-sewwa ta' dejjem, u tkun issiġillata d-dehra u l-profezija, u jindehen (ikun ikkonsagrat) qaddis l-aktar qaddis. Kun af, mela, u ifhem! Mill-ħruġ tal-kelma biex jagħtu l-ħajja u jerġgħu jibnu lil Ġerusalem sal-Messija, il-Prinċep, ikun hemm seba' ġimgħat, u fi tnejn u sittin ġimgħa targa' lura u tinbena, pjazez u swar, imqar fi żmien ta' taħbit. Wara t-tnejn u sittin ġimgħa, il-Messija jkun meqrud, bla ma jkollu ħtija: u l-poplu tal-prinċep li għandu jiġi, iġarraf il-belt u s-santwarju. U tmiemu jkun b'mewġa li tgħarraq; sa l-aħħar ikun hemm taqbid: taħrib li għandu jsir. Jagħmel rabta qawwija ma' ħafna għal ġimgħa waħda: iżda f'nofs il-ġimgħa jwaqqaf is-sagrifiċċju u l-offerta tal-qamħ; u fuq il-ġewnaħ ta' ħaġa mistkerrha jiġi wieħed li jagħmel ħerba; sama t-tmiem kollu, maqtugħ li għandu jsir, jissawwab fuq dak li jagħmel il-ħerba*" (Danjel 9: 23-27).

Dan l-istudju se jinvolvi konsiderazzjoni tal-profezija tas-"Sebgħin Ġimgħa ta' Danjel," kif tinsab fis-silta ta' fuq, jiġifieri, Danjel 9:23-27. Analiżi xierqa ta' dan it-test tinvolvi: (1) L-isfond storiku li minnu ħarġet l-espressjoni profetika. (2) L-aspetti teoloġiċi tax-xogħol tal-Messija. (3) Il-kronoloġija tal-profezija. (4) Il-ħaqq li kellu jiġi fuq in-nazzjon Lhudi fil-qawma tar-riġġezzjoni tiegħu ta' Kristu.

## L-ISFOND STORIKU

Minħabba l-apostasija ta' Iżrael, Ġeremija kien bassar li l-Lhud ikunu maqbuda f'Babel għal 70 sena (Ġeremija 25:12; 29:10). It-twissijiet tal-profeta kienu eżatti. Il-perjodu ġenerali tad-detenzjoni jew żamma ta' Babel kien 70 sena (Danjel 9:2; 2 Kronaki 36:21; Żakkarija 1:12; 7:5).

Fl-ewwel sena ta' Darju (ċ. 538 Q.K.), Danjel, jirrifletti fuq il-medda ta' żmien issuġġerita mill-profeziji ta' Ġeremija, ikkalkula li l-perjodu tal-jasar kien kważi għadda (Danjel 9:1-2). Danjel resaq lejn Alla fit-talb. Il-profeta stqarr dnubietu u dawk tan-nazzjon. Hu talab lil Alla biex idawwar il-korla Tiegħu minn fuq Ġerusalem, u jippermetti lit-tempju jerġa' jinbena (Danjel 9:16-17). Il-Mulej bagħat messaġġ permezz ta' l-anġlu Gabrijel (Danjel 9:24-27). Id-dar ta' Alla tkun mibnija mill-ġdid. Barka aktar sinifikanti kellha tiġi, iżda, fil-Persuna tal-Wieħed Midluk (Kristu), li huwa aqwa u akbar mit-tempju (Mattew 12:6). Din il-profezija kienet konsolazzjoni għal-Lhud b'qalbhom maqtugħa li kienu fil-jasar.

## IL-MISSJONI TAL-MESSIJA

L-ewwel porzjon tal-profezija jpoġġi 'l quddiem l-iskop primarju tal-missjoni ta' Kristu fuq l-art. L-ewwel, il-Messija kellu jittratta mal-problema tad-dnub tal-bniedem. Hu "jżomm il-ħażen," jagħmel "tmiem tad-dnubiet," u jġib fl-effett "il-ħlas għall-ħtija" (Danjel 9:24). Dik it-tema hija żviluppata b'mod glorjuż matul it-Testment il-Ġdid (ara Mattew 1:21; 20:28; 26:28; 1 Korintin 15:3; 2 Korintin 5:21; Galatin 1:4; Efesin 1:7; Kolossin 1:20; 1 Pietru 2:24; Rivelazzjoni 1:5). Dawn is-siltiet

mhumiex ħlief parti żgħira mir-riferenzi għal dan is-suġġett eżaltat.

Kristu ma ġabx fit-"tmiem" id-dnub fis-sens li l-ħażen kien imneħħi mid-dinja. Pjuttost, ix-xogħol tas-Salvatur kien biex jintroduċi *sistema* li tkun tista' effettivament u permanentament tipprovdi soluzzjoni għal qagħda ħażina tad-dnub tal-bniedem. Din hija waħda mit-temi ta' l-ittra lil-Lhud. Il-mewt ta' Ġesù kienet ġrajja ta' "darba għal dejjem" (ara Lhud 9:26). Il-Mulej qatt aktar ma jkun issagrifikat.

Danjel qal li l-Ikkonsagrat (il-Midluk), il-Messija jindirizza l-problemi tal-"ħażen," tad-"dnub," u tal-"ħtija"–bħallikieku biex jissuġġerixxi li l-Mulej huwa kapaċi li jittratta mal-ħażen fil-forom koroh kollha tiegħu. L-istess bħal hawn, Isaija (53) jirrivela li l-Messija kellu jissagrifika Lilu nnifsu għall-"ħtijiet-na" (5, 8, 12), għad-"dnub" (10, 12), u għall-"ħażen" (5, 6, 11). Tajjeb li nsemmu li Isaija 53 spiss huwa kkwotat fit-Testment il-Ġdid f'tisħib jew f'konnessjoni max-xogħol ta' tpattija tal-Mulej fiż-żmien ta' *l-ewwel* miġja Tiegħu. Billi Danjel 9:23-27 b'mod ċar ħafna għandu osservazzjoni identika, dan ukoll għandu jiffoka fuq ix-xogħol tas-Salvatur fis-salib, u mhux fuq *it-tieni* miġja ta' Ġesù—kif huwa allegat mill-millenjalisti u oħrajn bħalhom.

It-tieni, b'żieda għax-xogħol Tiegħu tal-fidwa, Danjel juri li l-Messija jiġi fi żmien ta' "ġustizzja ta' dejjem." Dan ovvja-ment huwa riferenza għal-epoka ta' l-Evanġelju. Fit-Testment il-Ġdid, l-appostlu Pawlu jargumenta bil-qawwa li l-pjan tas-Sema biex jakkonta lill-bniedem bħala "ġust" huwa magħmul magħruf "fiż-żmien t'issa" (Rumani 3:21-26) permezz ta' l-Evanġelju (Rumani 1:16-17).

It-tielet, il-messaġġ ta' l-anġlu issuġġerixxa li, bħala riżultat tax-xogħol tal-Messija, id-dehra u l-profezija tkun "issiġillata" (Danjel 9:24b). It-terminu Lhudi juri dak li huwa miġjub għall-"konklużjoni" jew hu mitmum (William Gesenius, *Hebrew-Chaldee Lexicon to the Old Testament* (Grand Rapids,MI: Baker Book House, 1979), p. 315). Għandu jkun enfasizzat li l-obligu prinċipali tat-Testment il-Qadim kien li titħabbar il-miġ-

ja ta' l-Iben ta' Alla. L-appostlu Pietru iddikjara li l-profeti taż-żminijiet antiki ħabbru "*t-tbatijiet ta' Kristu u l-glorji tiegħu li kellhom jiġu warajhom*" (1 Pietru 1:10-12). Hawn għandna punt kruċjali. Bil-miġja tas-Salvatur biex jeffettwa l-fidwa tal-bniedem, u bit-tkomplija tar-rakkont tat-Testment il-Ġdid li jġib 'il quddiem dak il-messaġġ, *il-ħtieġa għal "dehra u profezija" spiċċat għal kollox*. Għalhekk, "profezija" (u doni rivelatorji oħra) "waqfu" (ara 1 Korintin 13:8-13; Efesin 4:11-16). Ma hemm ebda "dehriet" u "profeziji" sopranaturali li huma mogħtija minn Alla f'dan iż-żmien. Inkella, dak li tgħid l-Iskrittura huwa żbaljat fis-siltiet ta' fuq!

Ir-raba', Danjel qal li "l-post l-aktar qaddis" ikun ikkonsagrat. (Danjel 9:24b). X'inhi t-tifsira ta' din l-espressjoni? Il-millenjalisti jinterpretaw din bħala riferenza għall-bini mill-ġdid tat-tempju Lhudi matul l-hekk imsejjaħ "millenju." Il-kunċett millenjali, iżda, mhuwiex appoġġjat mill-fatti.

Kull veduta li wieħed jadotta dwar din il-frażjoloġija għandha tkun konsistenti ma tagħrif ieħor Bibliku. L-espressjoni "l-aktar qaddis" hija probabbilment allużjoni għal Kristu Nnifsu, u "l-ikkonsagrar" riferenza għat-tiswib ta' l-Ispirtu s-Santu fuq il-Mulej fil-bidu tal-ministeru Tiegħu (Mattew 3:16; Atti 10: 38). Ikkonsidra l-fatturi li ġejjin: (1) Waqt li huwa possibbli li l-grammatika tista' tirrifletti ħaġa "l-aktar qaddisa" jew post, (kif it-traduzzjonijiet tal-Malti juru b'mod li mhuwiex ċar biżżejjed, barra mill-Bibbja Saydon, fejn tgħid "u jidehen qaddis ta' qaddisin" għaliex il-kelma hemm mhijiex "post" imma "wieħed", fil-forma newtru), din tista' ukoll tagħti sens maskulin, "L-Aktar Wieħed Qaddis." Il-kuntest immedjat jagħti ħjiel lejn il-maskulin billi "l-wieħed ikkonsagrat, bħala l-prinċep" huwa msemmi f'vers 25. (2) L-"ikkonsagrar" ovvjament jappartjeni għal l-istess żmien tal-ġrajjiet imsemmija qabel, għalhekk huwa assoċjat ma' *l-ewwel* miġja tal-Mulej, mhux *it-tieni* waħda. (3) Wieħed għandu jinnota li l-att ta' l-ikkonsagrar qatt ma kien assoċjat mal-"post l-aktar qaddis" tat-tempju fit-Testment il-Qadim (J. E. H. Thompson, "Daniel," *The Pulpit Commentary* (Grand Rapids, MI: Eerdmans, 1950), p. 268). Minn dan

wieħed jista' jara kemm huwa falz li tgħid li "l-post ikkonsag-rat" huwa l-bini mill-ġdid tat-tempju Lhudi f'Ġerusalem matul il-millenju, kif isejħulu huma! (4) L-ikkonsagrar kien ippratti-kat fil-perjodu tat-Testment il-Qadim bħala rit ta' inawgurazz-joni għall-uffiċji ta' profeta (1 Slaten 19:16), qassis (Eżodu 28: 41), u sultan (1 Samwel 10:1). Sinifikament, Kristu jiffunzjona f'kull wieħed minn dawn ir-rwoli (ara Atti 3:20-23; Lhud 3:1; Mattew 21:5). (5) L-ikkonsagrar ta' Ġesù kien imbassar fit-Testment il-Qadim (Isaija 61:1), u, fil-fatt, it-titlu nnifsu ta' "Kristu," jfisser l-Ikkonsagrat.

Il-ħames, il-Wieħed l-Ikkonsagrat kellu "jagħmel patt sħiħ ma' ħafna" jew rabta qawwija ma' ħafna" (Danjel 9:27). Trad-uzzjoni aħjar hija "patt *sod*..." It-tifsira tidher li huwa l-patt tal-Messija ċertament li jibqa' sod, jiġifieri, *jagħleb*, jirbaħ, ukoll għalkemm Hu jkun maqtul. Il-"patt," huwa l-patt tal-grazzja li fih il-Messija, permezz ta' ħajja u l-mewt Tiegħu, jikseb is-salvazzjoni għall-poplu Tiegħu.

Is-sitta, bħala riżultat tal-mewt ta' Kristu, "is-sagrifiċċju u l-oblazzjoni jew l-offerta" jintemmu (v. 27a). Din hija allużjoni għall-waqfien tas-sagrifiċċji Lhud bħala konsegwenza tas-sag-rifiċċju ta' l-aħħar ta' Ġesù. Meta l-Mulej miet, il-liġi Możajka jew Lhudija kienet "imsammra mas-salib" (Kolossin 2:14). Dak "il-ħajt tan-nofs" kien imneħħi għal kollox (Efesin 2:12-17), u "l-ewwel patt" kien mibdul mit-"tieni" (Lhud 10:9-10). Dan kien "il-patt il-ġdid" tal-famuża profezija ta' Ġeremija (Ġeremija 31:31-34; Lhud 8:6-13), u dan kien ikkonfermat bid-demm ta' Ġesù Nnifsu (Mattew 26:28).

## IL-KRONOLOĠIJA

L-element taż-żmien ta' din il-profezija għen lil-Lhud biex ikunu jafu *meta* l-Messija l-imwiegħed kellu jmut. Il-kronolo-ġija ta' dan il-kuntest tinvolvi tliet ħwejjeġ: (a) bidu (b) perjodu ta' żmien; (ċ) żmien ta' konklużjoni.

Il-punt tal-*bidu* kellu jiġri jew jaħbat mal-kmad biex "jerġ-għu jibnu lil Ġerusalem. Il-*medda ta' żmien* bejn il-punt tal-bidu u l-ġrajja li tikkonkludi kien imfisser ġeneralment bħala

"sebgħin ġimgħa." Dan ikun 70 ġimgħa ta' sebat (7) ijiem—total ta' 490 jum. Kull ġurnata kellha tirrappreżenta sena fl-istorja profetika. Il-biċċa l-kbira ta' l-iskulari konservattivi jsostnu lis-simboliżmu juri perjodu ta' bejn wieħed u ieħor ta' 490 sena. (J. Barton Payne, *The Encyclopedia of Biblical Prophecy* (New York: Harper & Row, 1973), p. 383). Finalment, il-ġrajja *tat-tmiem* tkun "li l-Messija jkun meqrud," jiġifieri, l-mewt tal-Wieħed Ikkonsagrat (v. 26). [Innota: Attwalment, il-kronoloġija hija maqsuma fi tliet partijiet, lit-total tagħhom jirrappreżenta 486½ sena. Din tkun il-medda bejn il-kmand biex tkun irrestawrata Ġerusalem, u l-mewt tal-Messija.]

Jekk wieħed jista' jiddetermina d-data tal-punt tal-*bidu* ta' din il-*profezija*, imbagħad issir ħaġa relattivament sempliċi biex iżżid magħha t-tul ta' żmien speċifikat fit-test, b'hekk tikkonkludi ż-żmien eżatt meta l-Mulej kellu jkun maqtul. Ħalli mela ndejqu l-iffokar tagħna dwar din il-ħaġa.

Hemm biss tliet dati possibbli għall-bidu tal-kalendarju tas-sebgħin ġimgħa. L-ewwel, Żerubbabel mexxa grupp ta' Lhud barra mill-jasar fis-sena 536 Q.K. Iżda dan jidher li huwa punt tal-bidu improbabbli, minħabba li 486 sena minn 536 Q.K. jispiċċaw fis-sena 50 Q.K., li kienu 80 sena *qabel* il-mewt ta' Ġesù. It-tieni, Neħemija mexxa grupp lura fis-sena 444 Q.K. Huwa dan il-punt tal-bidu biex tikkompjuta l-profezija? Probabbilment li le, għaliex 486 sena wara 444 Q.K. jispiċċaw fis-sena 42 W.K.—tużżana snin *wara* l-mewt ta' Kristu. Iżda, fis-sena 457 Q.K., Eżdra wkoll ħa grupp lura f'Ġerusalem. Taħdem din id-data matematikament? Tabilħaqq. Jekk wieħed jibda fis-sena 457 Q.K., u jmur 'il quddiem għal 486½ sena, id-data li tirriżulta hija 30 W.K.—is-sena nfisha tal-kurċifissjoni ta' Kristu! Din hija l-veduta komuni (J.B. Scott, "Seventy Weeks," *Zondervan Pictorial Encyclopedia of the Bible* (Grand Rapids: Zondervan, 1975), Vol. Five, p. 364. Cf Gleason L. Archer, *A Survey of Old Testament Introduction* (Chicago: Moody Press, 1964), p. 387).

"F'nofs" is-sebgħin ġimgħa, jiġifieri, wara t-twettiq ta' l-486½ sena, il-Wieħed Ikkonsagrat kellu jkun "meqrud," jiġi

mneħħi. Din hija riferenza għall-mewt ta' Ġesù (Isaija 53:8-12).

Imma għaliex is-"sebgħin ġimgħa" tal-profezija ta' Danjel huma maqsuma fi tliet partijiet—7 ġimgħat, 62 ġimgħa, u "n-nofs" ta' ġimgħa waħda? Kien hemm skop fil-qsim. (1) L-ewwel diviżjoni tas-"sebgħin ġimgħa" (letteralment, 49 sena) tilħaq dak il-perjodu ta' żmien li matulu l-bini attwali ta' Ġerusalem ikun għaddej, wara r-ritorn tal-Lhud għall-Palestina (v. 25b). Dan kien it-tweġiba għat-talba ta' Danjel (Danjel 9:6). Dik l-era ta' rikostruzzjoni kienet waħda ta' "żmien ta' taħbit" (v. 25b). L-għedewwa tal-Lhud kienu ħabbtuhom fiż-żminijiet tal-bidu (ara Eżdra 4:1-6), u huma komplew jagħmlu dan fiż-żmien ta' Eżdra u Neħemija. (2) It-tieni parti ta' 62 ġimgħa (434 sena), meta miżjuda għad-49 ta' qabel, tirrappreżenta total ta' 483 sena. Meta din il-figura tkun ikkalkulata mill-475 Q.K., din tiġi fit-tmiem fid-data ta' 26 W.K. Din kienet is-sena tal-magħmudija ta' Ġesù u l-bidu tal-ministeru publiku Tiegħu. (3) Fl-aħħarnett, "in-nofs il-ġimgħa" (3½ snin) tirrifletti ż-żmien tal-ministeru ta' predikar tal-Mulej. Din il-parti tal-profezija tikkonkludi fis-sena 30 W.K.—is-sena tal-Mewt tas-Salvatur.

## IL-KONSEGWENZI

Ebda reviżjoni ma tista' tbiddel il-fatt li l-Mulej Ġesù kien impoġġi għall-mewt mil-Lhud. Dan ma jissanzjonax xi nuqqas ta' trattament taż-żmien modern mal-poplu Lhudi; imma dan jagħraf, li Iżrael, bħala nazzjon, bata konsegwenza serja b'riżultat tar-rwol tagħhom fil-mewt tal-Messija.

Il-profezija ta' Danjel tiddeskrivi l-invażjoni Rumana ta' Ġerusalem u l-qerda tat-tempju Lhudi. Il-profeta tkellem dwar ċertu "prinċep li għandu jiġi," u li "jġarraf il-belt u s-santwarju" bħal għarar ta' ilma kbir (26b). Dan kollu kien "iddeterminat" (ara versi 26b u 27b) minn Alla minħabba r-riġettar tal-Lhud ta' Ibnu (Mattew 21:37-41; 22:1-7).

L-interpretazzjoni ta' dan il-porzjon tal-profezija hija 'l fuq minn kull disputa. Ġesù, fid-diskors Tiegħu fuq il-Għolja taż-Żebbuġ dwar il-qerda ta' Ġerusalem (Mattew 24:1-34), tkellem

dwar "il-profanazzjoni u l-ħerba tat-tempju li fuqhom tkellem il-profeta Danjel" (24:15). Il-Mulej kien qiegħed jalludi għal Danjel 9:27. Il-"profanazzjoni li tagħmel il-ħerba" kienet l-armata Rumana, taħt il-kmandant, Titu ("il-prinċep" 26b), li rebaħ Ġerusalem fis-sena 70 W.K. [Innota: il-"prinċep" ta' vers 26a mhuwiex l-istess bħall-"prinċep" *l-ikkonsagrat* ta' vers 25a. Il-"prinċep" ta' vers 26 jiġi *wara* li l-prinċep ikkonsagrat ikun imneħħi].

Il-fatti storiċi u li ħadd ma jista' jiċħadhom huma dawn. Fis-sena 66 W.K., il-Lhud, li kienu suġġetti għal Ruma, irvellaw kontra l-imperu. Dan daħħal lil-Lhud f'bosta snin ta' konflitt imdemmi mar-Rumani. Titu, iben u suċċessur tal-famuż Vespasjan, waqqa' l-belt ta' Ġerusalem (wara ħames xhur ta' assedju) fis-sajf tas-sena 70 W.K. Il-belt qaddisa kienet maħruqa (Mattew 22:7), is-"santwarju" (it-tempju) kien imġarraf. Kristu kien informa lid-dixxipli Tiegħu li l-jum kien ġej meta "d-dar" tal-Lhud tkun imħollija ħerba (Mattew 23:38); tassew, qalilhom Ġesù, li lanqas ġebla waħda ma tibqa' fuq oħra (Mattew 24:2).

Din il-ġrajja kienet irriferuta għall-"profanazzjoni u l-ħerba" għaliex il-belt ta' David kienet magħmula *ħerba* mill-armata Rumana; kienet forza profana minħabba n-natura idolatra tagħha. Ukoll il-Lhud għarfu li l-qerda tan-nazzjon tagħhom kienet twettiq tal-profezija ta' Danjel. Josephus qal li "Danjel kiteb ukoll dwar il-gvern Ruman, u li pajjiżna għandu jkun meqrud minnhom" (*Antiquities, X.XI.7*).

## KONKLUŻJONI

Ir-rakkont ispirat ta' Danjel dwar "is-sebgħin ġimgħa" huwa wirja profonda tal-veru profezija. Dan jgħid minn qabel il-miġja tal-Messija u jagħti dettalji dwar ix-xogħol ta' fidwa li l-Messija jwettaq. Il-profezija turi s-sena preċiża tal-kurċifissjoni ta' Ġesù. Fl-aħħarnett, din tirrivela l-konsegwenzi diżastrużi li tirriġetta lil l-Iben ta' Alla.

## IT-TIENI STUDJU

# IS-SEBGĦIN ĠIMGĦA TA’ DANJEL 9:23-27 (Ikompli)

*“Għax dawn huma jiem ta’ vendetta, li fihom* ***iseħħ kulma nkiteb***” (Luqa 21:22).

*“Fil-bidu tat-tħannin tiegħek ħarġet kelma, u jien ġejt biex ngħarafhielek; għax int maħbub wisq: għalhekk moħħok fil-kelma, u ifhem id-dehra. Sebgħin ġimgħa huma maqtugħin għall-poplu tiegħek, u għall-belt imqaddsa tiegħek, biex ikun miżmum il-ħażen, u biex jintemmu d-dnubiet, biex titħallas il-ħtija, u biex tiġi s-sewwa ta’ dejjem, u tkun issiġillata d-dehra u l-profezija, u jindehen qaddis l-aktar qaddis. Kun af, mela, u ifhem! Mill-ħruġ tal-kelma biex jagħtu l-ħajja u jerġgħu jibnu lil Ġerusalem sal-Messija, il-Prinċep, ikun hemm seba’ ġimgħat, u fi tnejn u sittin ġimgħa tarġa’ lura u tinbena, pjazez u swar, imqar fi żmien ta’ taħbit. Wara t-tnejn u sittin ġimgħa, il-Messija jkun meqrud, bla ma jkollu ħtija: u l-poplu tal-prinċep li għandu jiġi, iġarraf il-belt u s-santwarju. U tmiemu jkun b’mewġa li tgħarraq; sa l-aħħar ikun hemm taqbid: taħrib li għandu jsir. Jagħmel rabta qawwija ma’ ħafna għal ġimgħa waħda: iżda f’nofs il-ġimgħa jwaqqaf is-sagrifiċċju u l-offerta tal-qamħ; u fuq il-ġewnaħ ta’ ħaġa mistkerrha jiġi wieħed li jagħmel ħerba; sama t-tmiem kollu, maqtugħ li għandu jsir, jissawwab fuq dak li jagħmel il-ħerba*” (Danjel 9: 23-27).

Dan it-tieni studju huwa magħmul biex ikompli jgħinna nifhmu aktar it-tifsira ta' din il-profezija minn Danjel.

Dan il-kapitlu, ta' spiss irriferut bħala "is-sebgħin ġimgħa ta' Danjel" huwa l-qasba taz-zokkor ta' xi denominazzjonijiet bħas-Seventh Day Adventists, il-Millenial Dawnists, u x-Xhieda ta' Ġeħovah, u dwar id-dellijiet u l-kuluri kollha tal-Millenjalisti. Ħadd minnhom ma jidher li huwa ċert dwar it-tifsira tiegħu iżda huma "jiffugurawha" fl-interpretazzjoni tal-millenju.

L-interpretazzjoni ta' "jum sena," huma jgħidulna, tagħmel is-sebgħin ġimgħa perjodu ta' 490 sena. Mela kif jafu huma lit-"tribulazzjoni" hija letteralment sebgħin sena biss tul? U kif jafu huma li l-elf sena li huma jsejħulhom il-millenju huma biss letteralment elf sena? Bir-regola ta' interpretazzjoni tagħhom stess tas-sebgħin ġimgħa (jum-sena) it-"tribulazzjoni" għandha tkun 2555 sena (7 x 365) u l-millenju jkun ta' 365,000 sena (1000 x 365). Dan in-nies millenjali jiffiguraw sewwasew kif huma jipprofetizzaw! Imma l-ħasra hija li nies sinċiera jinqabdu fin-nassa ta' dan it-tagħlim falz li jwassal għall-kundanna ta' dejjem!

Il-Kelma ta' Alla tagħtina din it-twissija serja ħafna:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Ukoll twissina permezz ta' l-appostlu Pawlu:

> "*Araw li ħadd ma jħassarkom b'filosofija u qerq fieragħ, **skond it-tagħlim tal-bnedmin**, u skond l-elementi tad-dinja**, u mhux skond Kristu***" (Kolossin 2:8).

Mela, ħalli nkomplu naraw sewwa x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar is-*sebgħin ġimgħa* u x'jgħid il-bniedem dwarhom.

Jintqal fit-test lis-sebgħin ġimgħa bdew mill-ħruġ tal-kmandament biex terġa' tinbena u tkun irrestawrata Ġerusalem. Ibbażat fuq il-prinċipju aċċettat li l-ġimgħat mhumiex ta' jiem

imma snin, kull ġimgħa għandha tkun seba' snin, u l-aktar kronoloġija sodisfaċenti u aċċetta turi lid-disa' u sittin ġimgħa *twassal il-profezija għall-kurċifissjoni ta' Kristu*; u l-ġimgħa waħda biex tkompli s-sebgħin, is-seba' snin mill-kurċifissjoni għall-konverżjoni ta' Kornelju, meta l-patt kien ikkonfermat "ma' ħafna"—id-dħul tal-Ġentili fil-patt il-ġdid. Mingħajr kalkulazzjoni matematika, li jmiss kienet il-qerda ta' Ġerusalem, murija bil-kwotazzjoni ta' vers 27 ta' Danjel 9 f'Mattew 24:15. Dan iqiegħed f'postha l-ġrajja li għandha ssegwi l-konferma tal-patt—Danjel 9:27—il-profanazzjoni tat-tempju mir-Rumani fil-qerda ta' Ġerusalem.

Grupp kbir ta' kummentaturi, storiċi, skulari, u awtoritajiet kronoloġiċi huma fi qbil mal-veduta lis-sebgħin ġimgħa jirrelataw għall-perjodu kollu bejn il-proklama ta' Ċiru u t-tmiem tal-federazzjoni Lhudija. Ma jistax ikun ċans li mis-seba' sena ta' Artasersi meta l-kummissjoni kienet mogħtija lil Eżdra (Eżdra 7) biex jirrestawra lil Ġerusalem, għall-mewt ta' Kristu, kien preċiżament in-numru ta' ġimgħat ta' snin; u li mill-mewt ta' Kristu għall-kmand mogħti lil Pietru biex jippriedka lil Kornelju dan kien preċiżament ġimgħa waħda ta' seba' snin; u li mill-mixja ta' Vespasjan fil-Lhudija għat-teħid ta' Ġerusalem kien preċiżament nofs settenarju (seba') ta' snin, jikkorrespondi mal-ġrajjiet ta' abominazzjoni u deżolazzjoni li jsiru f'nofs ġimgħa waħda. Hekk hu stmat li miż-żmien ta' l-eżilju, imsemmi f'vers 2, ikun hemm sebgħin sena ta' deżolazzjoni għal Ġerusalem, u lis-sebgħin ġimgħa ta' Danjel huma estensjoni ta' l-użu Bibliku tas-sebgħin tas-sebajiet, u xi drabi letterali waqt li xi drabi figurattiv f'riferenza ta' żmien; imma dejjem indikattiv ta' xi ħaġa barra minn applikazzjoni letterali jew matematika. Is-sebgħin ġimgħa ta' Danjel huma hekk applikati għall-perjodu bejn il-proklama għar-restawrazzjoni ta' Ġerusalem wara s-sebgħin sena ta' eżilju u l-miġja ta' Kristu, inkluż il-konverżjoni tal-Ġentili u segwita bid-deżolazzjoni tat-tempju u l-qerda ta' Ġerusalem mir-Rumani.

Huwa muri lis-sebgħin ġimgħa huma *heptades*, somma jew numru ta' seba', jew gruppi ta' seba', u mhux neċessarjament

isegwu f'suċċessjoni sabiex iwettqu l-iskop profetiku; imma l-*heptades* jistgħu jkunu isseparati b'perjodi ta' ġrajjiet oħra, u għalhekk mhumiex suġġetti għall-kalkulazzjoni matematika kontinwa jew suċċessiva. F'din il-veduta l-ewwel heptad ikun il-perjodu tar-restawrazzjoni taħt il-proklama ta' Ċiru; it-tieni heptad ikun iż-żmien neċessarju li jintervjeni bejn ir-restawrazzjoni u t-tranżizzjoni għaż-żmien il-ġdid u s-saltna ta' ġustizzja eterna; it-tielet u l-aħħar heptad ikun il-perjodu tat-temma tal-profezija bejn it-tneħħija tal-Messija u t-tmiem ta' l-istat Lhudi, ma jindikax data eżatta jew ġrajja waħda, imma jilħaq fil-wisa' l-esekuzzjoni ta' Neruni u l-qirda ta' Ġerusalem, li tgħaqqad Danjel 9:27 mal-kwotazzjoni tal-Mulej f'Mattew 24:15. Kien matul dan il-perjodu li l-offerta u s-sagrifiċċju waqfu, u t-tempju meqrud biċ-ċerimonji u s-servizzi tas-santwarju.

Mela *t-terminus a quo*—it-tmiem jew limitu li minnu—għat-*terminus ad quem*—it-tmiem jew limitu għal liema; jew, fi kliem aktar sempliċi, il-punt tal-bidu u l-punt tat-tmiem, ikun il-perjodu kollu mill-proklama ta' Ċiru għall-waqa' finali ta' l-istat Lhudi minn Neruni, magħrufa b'perjodi ta' seba' imma mhux neċessarjament maqgħudin, ikun hemm xi ġrajjiet storiċi bejniet, jinterrompu s-suċċessjoni tal-heptades. Diversi sforzi biex jistabilixxu d-dati li jikkorrispondu ħalli jaqblu ma' kalkoli matematiċi eżatti fir-realtà ippreżentaw diskrepanzi, u fallew f'ċerti punti, il-perjodi jkunu jew twal ħafna jew qosra ħafna, iżda applikazzjoni għall-perjodi tal-heptad jilħqu l-ħwejjeġ imsemmija, jipprovdu għal żviluppi storiċi, tarmonizza ma' l-iskop tal-profeziji fuq il-frażijiet kollha ta' twettiq, u hija konsistenti ma' l-istruttura tal-viżjoni apokalittika. Bosta eżempji ta' applikazzjonijiet bħal dawn, fosthom ir-riferenza f'Levitku 26 għal Iżrael tkun milquta "seba' darbiet" li huwa, naturalment, mhux matematiku; u l-użu ta' l-espressjoni "sebgħin għal seba'" f'Mattew 18:22.

Meta dati eżatti huma mfissra, dawn ikunu speċifikati kif insibu f'Isaija 7:5-9 meta ż-żmien għal Efrajm, l-għaxar tribujiet, li jitfarrak u "ma jibqax poplu" (v. 8) kien imqiegħed mill-profeta għal ħamsa u sittin sena mill-ħin imsemmi u kien im-

wettaq matematikament. Il-perjodu ta' l-eżilju ta' Iżrael mogħti f'Ġeremija 25:12—sebgħin sena—joffri eżempju ieħor. Imma meta perjodi jkunu l-bażi ta' viżjoni profetika u deskrizzjoni apokalittika dawn ma jkunux suġġetti għall-matematika eżatta daqs kemm mhumiex termini bħal "għaxart ijiem" u "elf sena" f'konnessjoni mal-profezija u apokalissi. Is-sabbath tal-Lhud kien is-seba' jum tal-ġimgħa, u l-ġublew kien ibbażat fuq seba' għal seba' snin. It-terminu seba' għandu jindika żmien komplut, waqt li l-użu tat-tliet ġimgħat u nofs jew xhur jew jiem, kif xi drabi wżat, ikun nofs ta' seba' ikun inidkattiv ta' perjodu ta' żmien mhux komplut. Fid-deskrizzjoni tal-qawmien ta' Antijoku Epifani, il-persekutur tal-perjodu tal-Makkabin, użu huwa magħmul għal "żmien, żminijiet, u nofs żmien" —*żmien* ikun sena, *żminijiet* sentejn u *nofs żmien*, sitt xhur, jew il-"qsim taż-żmien" f'Danjel 7:25—li jaqbel eżatt fir-rakkont ta' Josephus, u storiċi oħra, dwar il-perjodu li fih Antijoku biddel *iż-żminijiet u l-liġijiet*, meta neħħa l-qima tat-tempju u waqqaf l-offerta tas-sagrifiċċji ta' kuljum għal tliet snin u nofs. Dan huwa skond l-istqarrija ta' Danjel 7:25:

> "*Huwa jgħid kliem kontra Alla l-Għoli, biex jifni lill-qaddisin ta' l-Għoli, u jkun irid ibiddel iż-żminijiet u l-liġi, u dawn jingħatawlu f'idejh għal żmien, żminijiet, u nofs żmien.*"

It-tnejn, id-deskrizzjoni u l-perjodu jaqblu fl-istorja tal-persekutur Antijoku Epifani u t-trattar tiegħu mal-Lhud devoti u l-qima tat-tempju matul l-oppressjoni ta' Antijoku.

B'dawn il-konsiderazzjonijiet fuq id-diversi metodi li tikkonsidra l-perjodiċità tan-numri septenarji fil-viżjonijiet ta' Danjel, is-*sebgħin ġimgħa* ta' Danjel għandhom jiġu bejn iż-żewġ dati tal-limiti: il-proklama ta' Ċiru u Artasersi għar-restawrazzjoni ta' Ġerusalem bħala t-*terminus a quo*—li minnu tikkalkula l-bidu tal-ġrajjiet kollha li jappartjenu għall-perjodu, u l-qerda ta' Ġerusalem bħala t-*terminus ad quem*, it-tmiem tiegħu. Id-data tal-bidu li turi l-limitu iffissata mill-istqarrija ta' Danjel "mill-ħruġ tal-kelma" (kmandament) f'Danjel 9:25, u d-data tat-tmiem li turi l-limitu hija ffissata mill-kwotazzjoni tal-Mulej

f'Mattew 24:15 dwar "l-għajb tal-ħerba" li kienet imwettqa fil-qerda ta' Ġerusalem taħt Neruni u Vespasjan, 70 W.K. Bil-perjodu ġenerali ddeterminat, il-ġrajjiet jistgħu jkunu irranġati u mfissra skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' Danjel 9:23-27, u s-siltiet tat-Testment il-Ġdid li wettquhom:

1. **Sebgħin ġimgħa mill-kmandament (kelma)—Danjel 9:23-27.**
2. **"Spiċċa l-ksur, it-trassgressjoni, ikun miżmum il-ħażen, u għamel tmiem għad-dnub,"**
   Dan kien imwettaq—Lhud 10:12; Efesin 2:15 Luqa 11:47 51; Mattew 23:29-32; 21:33-45.
3. **"Iġib ġustizzja ta' dejjem,"**
   Dan kien imwettaq—Rumani 3:21-31; Lhud 9:12; 2 Tessalonikin 2:16; 2 Korintin 9:9.
4. **"Jintemmu d-dnubiet,"**
   Dan kien imwettaq—Ġwanni 1:29; Mattew 1:21; Atti 10: 43; Lhud 9:26.
5. **"Rikonċiljazzjoni għall-ħażen,"**
   Dan kien imwettaq—Kolossin 1:20; Lhud 2:17.
6. **"Midluk l-aktar Qaddis,"**
   Dan kien imwettaq—Mattew 3:15-17; Luqa 4:18; Atti 4: 26-27; 10:38; Lhud 1:8-9.
7. **"Il-Messija imneħħi,"**
   Dan kien imwettaq—Isaija 53:8; Atti 8:32-33.
8. **"Jeqred il-belt u s-santwarju (tempju),"**
   Dan kien imwettaq—Mattew 24:1-34.
9. **"Patt ikkonfermat ma' ħafna,"**
   Dan kien imwettaq—Atti 10:34; Rumani 9:30.
10. **"Issiġillata d-dehra jew il-viżjoni,"**
    Dan kien imwettaq—Dan jindika d-dehra jew il-viżjoni kompluta bit-twettiq tagħha fil-ġrajjiet speċifikati—Lhud 1:1-2; Ġwanni 1:1; 2 Pietru 1:19-21.

Li l-konferma tal-patt fil-profezija tirriferi għad-dħul tal-Ġentili huwa muri bil-konnessjoni ta' Rumani 9:30-33 u 1 Pietru 2:1-10, liema siltiet juru li l-patt ta' Isaija 28:16 jinkludi

l-Ġentili, u jsib twettiq fl-istqarrija ta' Pietru f'Atti 10:34-35 fid-dar ta' Kornelju:

> "*…Tassew qiegħed nara li Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd: Imma* ***f'kull ġens****, dak li għandu l-biża' tiegħu, u jagħmel is-sewwa, hu milqugħ minnu.*" (enfasi tiegħi).

Il-punt tat-tmiem tal-profezija huwa muri li hu l-qerda ta' Ġerusalem kif intqal minn qabel mill-Mulej f'Mattew 24, u mqiegħed f'postu bil-kwotazzjoni Tiegħu stess mill-profezija ta' Danjel, f'vers 15—u minn dan, għal dik il-persuna li temmen fi Kristu, ma jista' jkun hemm ebda appell. Għandu jkun osservat li Danjel ma qalx li l-Messija jkun meqrud *f'nofs tal-ġimgħa*—is-silta tgħid li "*l-Messija jkun meqrud, imma bla ma jkollu ħtija*" (9:25). L-espressjoni "f'nofs il-ġimgħa" (v. 27) hija marbuta mal-kawża lis-sagrifiċċji u l-offerti li jieqfu *wara* li l-patt (rabta) kien *ikkonfermat* mal-Ġentili. Il-frażi "f'nofs il-ġimgħa" ma tindikax *in-nofs* tal-ġimgħa imma *matul* il-ġimgħa. Il-Messija kien imneħħi fil-kurċifissjoni ta' Kristu, jispiċċa t-trasgressjoni, jagħmel tmiem tad-dnub, jagħmel rikonċiljazzjoni għall-ħażen, u jġib il-patt għall-ġustizzja ta' dejjem—imma fost il-Lhud is-sagrifiċji, offerti u s-servizzi kollha tat-tempju komplew sal-qerda ta' Ġerusalem. Kienet dik il-ġrajja li kellha "tikkawża s-sagrifiċji u l-offerti li jieqfu," u r-raġuni mogħtija kienet "*għat-tifrix ta' stmerrija…sa ma tintemm*" (v. 27). U din il-ġrajja tkun il-konsegwenza għall-konferma tal-patt mal-Ġentili. Aqra s-silta kollha ta' Danjel 9, vers 27:

> "*Hu jagħmel* (jikkonferma) *rabta qawwija ma' ħafna għal ġimgħa waħda, u f'nofs il-ġimgħa jwaqqaf* (jikkawża) *is-sagrifiċċju u l-offerta tal-qamħ; u fuq il-ġewnaħ* (tifrix) *ta' ħaġa mistkerrha, hu jagħmel ħerba, sa ma tmiem kollu, maqtugħ li għandu jsir, jissawwab fuq dak li jagħmel il-ħerba.*"

Għalhekk, aħna nistgħu naraw lid-deżolazzjoni jew il-ħerba ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K. wettqet il-profeziji ta' Danjel

kapitlu 9, kontra l-ġenerazzjoni perversa li rriġettat lill-Mulej u lil l-Ikkonsagrat Tiegħu. Kristu iġġudika lin-nazzjon Lhudi b'ħerba, u neħħa s-saltna ta' Alla u taha lil nazzjon li jġib 'il quddiem frott, li huwa n-nazzjon *ta' dawk kollha li jemmnu, kemm Lhud u kemm Ġentili*. "Il-jiem ta' vendetta, li fihom *iseħħ kull ma nkiteb*" li semma Ġesù (Luqa 21:22), ma jistgħu ikunu xejn ħlief it-twettiq tas-sebgħin ġimgħa ta' Danjel mal-qerda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K. Għalhekk,

## Il-Qerda tal-Palestina fis-snin 66-73 W.K. kienet it-Twettiq tas-Sebgħin Ġimgħa ta' Danjel, U t-Tmiem ta' Kull 'Nazzjon Temporali ta' Alla.'

Il-punt tat-tmiem tal-ġrajjiet kollha matul is-sebgħin ġimgħa ta' Danjel, jilħaq il-konklużjoni ta' l-eżilju, it-tiswib taż-żminijiet ta' l-Evanġelju, il-konsagrazzjoni tal-Messija għall-uffiċċju Tiegħu tal-fidwa, u t-tmiem tas-servizzi kollha tat-tempju bit-temma ta' l-istat Lhudi.

Mela, minn dan kollu rajna li Danjel 9:24 juri l-għan primarju tal-miġja ta' Kristu fuq l-art. Il-Wieħed ikkonsagrat kien ġej biex "*ikun miżmum il-ħażen, jintemm id-dnub, biex jagħmel rikonċiljazzjoni għall-ħażen*." Dan kien imwettaq b'mod ta' l-għaġeb minn Ġesù. It-Testment il-Ġdid jenfasizza ripetutament li l-iskop tal-miġja tal-Mulej fid-dinja kien biex jittratta mal-problema tad-dnub (Ara Mattew 1:21; 20:28; 26:28; 1 Korintin 15:3; 2 Korintin 5:21; Galatin 1:4; Efesin 1:7; Kolossin 1:20; 1 Pietru 2:24; Rivelazzjoni 1:5). L-aħħar ħaġa tax-xogħol ta' Kristu fl-ittrattar ma' l-umanità midinba hija enfasizzata f'Lhud 9:26-28. Ġesù Kristu kien muri biex ineħħi d-dnub! F'konnessjoni ma' din il-missjoni tal-Messija, Isaija kapitlu 53 jixbaħ ħafna lil dak li naqraw f'Danjel. Innota l-użu ta' "ħtija" (trasgressjoni) f'versi 5, 8, 12, "dnub" versi 10 u 12, u "ħażen" versi 5, 6, u 11. Issa hawn għandna punt vitali ħafna: Isaija kapitlu 53 huwa spiss ikkwotat fit-Testment il-Ġdid u applikat għal *l-ewwel* miġja ta' Kristu. Ovvjament, mela, billi Danjel 9:24-27 huwa parallel fl-enfasi, dan juri għal dik *l-ewwel* miġja tal-Mulej, **u mhux** *it-tieni* miġja Tiegħu kif jippruvaw jgħidu l-

millenjalisti biex iqarrqu b'dawk li jaċċettaw it-tagħlim falz tagħhom! Din hija ħaġa li ftit huma dawk li jindunaw biha u mill-ewwel jaħsbu mingħajr ma jiċċekkjaw sewwa li Danjel 9:24-27 qiegħed jirriferi *għat-tieni* miġja u mhux *għal l-ewwel* miġja tal-Mulej! Dan hu żball kbir li jwassal għat-telfien.

Ħaġa oħra ta' interess kbir ħalli jkollna l-interpretazzjon t-tajba ta' dawn il-versi hija li Danjel ħabbar li l-Ikkonsagrat (Ġesù Kristu) iġib *il-ġustizzja ta' dejjem*. Għalhekk, kien tas-sew floku li Ġesù kellu "jwettaq (itemm) kull ħaqq" (Mattew 3: 15). Ir-responsabbiltà tal-ministeru ta' l-Ispirtu s-Santu li Ġesù Kristu bagħat (Ġwanni 16:7), kienet biex "*juri li d-dinja għandha ħtija għad-dnub, għall-ħaqq, u għall-kundanna*" (Ġwanni 16:8). L-Evanġelju ta' Ġesù kien fih il-pjan ta' Alla biex jagħmel lill-bniedem ġust (Rumani 1:16-17), u l-appostlu Pawlu, jitkellem dwar l-epoka Kristjana, iddikjara li l-ġustizzja jew il-ħaqq ta' Alla kienet murija "*f'dan iż-żmien preżenti, issa*" (Rumani 3:21-26). Ċertament, dan mhuwiex xi wegħda dwar xi millenju fil-futur. Dan jista' jkun miksub *issa* permezz ta' ubbidjenza għal l-Evanġelju. Qiegħed tara kemm hija falza l-interpretazzjoni tal-millenjalisti? Qiegħed tara kif huma jagħmlu l-Kelma ta' Alla tikkontradixxi lilha nfisha? Aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid ma jista' jkollna ebda sehem ma' dak it-tagħlim falz!

Ukoll, il-messaġġ ta' l-anġlu kompla jbassar li "d-dehra u l-profezija" jkunu issiġilati (Danjel 9:24). Kristu, naturalment, wettaq ix-xhieda tal-profeti Dwaru Nnifsu (Luqa 24:25-27, 44). Dwar dak li għandu x'jaqsam max-xogħol ta' fidwa ta' Ġesù, l-appostlu Pietru afferma li l-profeti kollha minn Samwel 'il quddiem, dawk kollha li tkellmu, ħabbru "dawn il-jiem" (Atti 3: 24). Il-missjoni maġġura tal-profeti kienet biex jixhdu, bl-Ispirtu, dwar it-tbatijiet ta' Kristu u l-glorji sussegwenti (1 Pietru 1: 10-11). Ukoll, bil-miġja tas-Salvatur biex jeffetwa l-fidwa umana, u t-tkomplija tar-rakkont tat-Testment il-Ġdid li jġib 'il quddiem din is-sistema glorjuża, il-ħtieġa għall-viżjonijiet u profeziji saret bla użu ta' xejn. Għalhekk, il-profezija waqfet (1 Korintin 13:8-13; Efesin 4:11-16) mar-Rivelazzjoni kompluta

ta’ dik is-sistema ta’ l-Evanġelju (imsejħa “l-fidi,” Efesin 4:13; Galatin 1:23; Ġuda 3). Għalhekk, ma hemm ebda viżjonijiet jew dehriet sopranaturali u profeziji llum.

Imbagħad intqal f’Danjel 9:24 li “l-post il-qaddis” ikun ikkonsagrat. X’inhi t-tifsira ta’ dan? Diġa rajna dwar dan imma tajjeb li nerġa’ nfakkar. Il-Millenjalisti jħarsu lejn dan bħala r-restawrazzjoni tat-tempju Lhudi fiż-żmien tal-millenju. Veduta bħal din hija falza għal kollox. Kif diġa rajna fl-istudju ta’ qabel, hawnhekk ta’ min jinnota li fit-test Lhudi l-kelma “post” tista’ tkun tradotta bħala “l-wieħed” l-aktar qaddis. U din tagħmel differenza kbira fl-interpretazzjoni ta’ dan il-kliem. Ir-riferenza hija *għad-dlik jew l-ikkonsagrar ta’ Kristu mill-Ispirtu* fit-tmiem tal-ministeru Tiegħu. Innota: (a) il-grammatika weħidha hija indeċissiva. Il-forma tista’ tkun fil-ġeneru newtru—l-aktar post qaddis jew ħaġa, jew ġeneru maskili—l-aktar *wieħed* qaddis. Il-kuntest immedjat jiffavorixxi t-tifsira maskili, għaliex f’vers 25 hu msemmi “*l-wieħed* ikkonsagrat bħala prinċep.” U hawn għandna prova dwar kif għandna ninterpretaw xi silta mill-Iskrittura li jista’ jkollna xi dubju dwarha billi nħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha. (b) L-ikkonsagrar ovvjament jappartjeni għal l-istess riferenza ta’ żmien bħall-ġrajjiet tal-klawsoli ta’ qabel, għalhekk, huwa assoċjat ma’ *l-ewwel* miġja ta’ Kristu, *mhux it-tieni*. (ċ) L-att ta’ l-ikkonsagrar *qatt ma huwa applikat* għall-post l-aktar qaddis tat-tempju fil-letteratura tat-Testment il-Qadim. (d) L-ikkonsagrar kien ipprattikat bħala rit ta’ inawgurazzjoni u konsagrazzjoni għal l-uffiċji ta’ profeta (1 Slaten 19: 16), qassis (Eżodu 28:41), u sultan (1 Samwel 10:1). Fit-Testment il-Ġdid Kristu Hu identifikat bħala Profeta (Atti 3:20-26), Qassis (Lhud 3:1), u Sultan (Mattew 21:5). Dan għandu jkun prova ċara oħra dwar kemm huwa falz it-tagħlim tal-millenjalisti! (e) Finalment, l-ikkonsagrar ta’ Ġesù kien imħabbar minn qabel fit-Testment il-Qadim (Isaija 61:1), u mwettaq fit-Testment il-Ġdid (Luqa 4: 18-21; Atti 10:38). Il-fatt hu, it-tifsira ta’ l-isem “Kristu” hija *midluk*, *ikkonsagrat*. Il-forma tat-Testment il-Qadim tat-terminu hija Messija (Ġwanni 1:41; 4:25).

Jista’ jkun osservat ukoll li xi wħud jaraw l-esspressjoni “u jkun ikkonsagrat il-post qaddis” ta’ Danjel 9:24b) bħala riferenza figurattiva għat-twaqqif tal-knisja ta’ Kristu. Veduta bħal din hija possibbli u ma tagħmel ebda inġustizzja għall-kontenut, la immedjata u lanqas rimota għaliex x’inhi l-knisja ta’ Kristu? Mhijiex il-ġisem Tiegħu stess (Efesin 1:22-23; 4:4; Kolossin 1:18).

Hawn tajjeb li ngħidu xi ħaġa dwar il-veduta premillenjali tar-rabta jew patt li naqraw f’Danjel 9:27. Il-Millenjalisti jsostnu li “r-rabta” jew patt hija ftehim bejn l-“Antikrist” u Iżrael matul l-hekk imsejjaħ perjodu ta’ “Tribulazzjoni” li għandu jiġi qabel il-millenju. Dawn l-għalliema foloz ikomplu jsostnu littwaqqif tas-sagrifiċji hija riferenza għat-tmiem ta’ Ġudaiżmu rrestawrat (bl-offerti kollha tiegħu tad-demm) fil-fażi bikrija tal-perjodu tat-Tribulazzjoni. Fi kliem ieħor, huwa allegat li minħabba patt (jew rabta) magħmul ma’ l-Antikrist, is-sistema tat-Testment il-Qadim tkun irrestawrata fl-ewwel 3½ snin tal-perjodu tat-Tribulazzjoni. Imma l-Antikrist jikser dak il-patt, għalhekk, is-sagrifiċji jieqfu f’nofs dik il-ġimgħa finali.

Żewġ affarijiet jeħtieġu li ngħidu dwar dan. (1) Dan jikkontradixxi għal kollox dawk is-siltiet Bibliċi kollha li jaffermaw il-permanenza tat-tneħħija tal-Liġi ta’ Mosè. F’Kolossin 2:14, l-appostlu Pawlu jgħid li l-liġi kienet “imeħħija min-nofs.” Il-verb Grieg huwa temp perfett; dan jenfasizza *l-permanenza tat-tneħħija tal-Liġi ta’ Mosè*. Il-liġi tat-Testment il-Qadim serviet il-funzjoni tagħha (Galatin 3:24-25), u din *qatt aktar* ma tkun irrestawrata. Li tieħu profezija Biblika li għandha x’taqsam ma’ Kristu u l-patt Tiegħu, u mbagħad tapplikaha għal xi Antikrist u patt (jew rabta) li hu maħsub li jagħmel, hija sewwasew sommarju qasir ta’ perveżjoni ta’ l-Iskrittura. Dan juri spirtu mhux fidil lejn il-Kelma ta’ Alla.

Il-ktieb ta’ Danjel jirrakkonta l-profezija ta’ l-invażjoni Rumana ta’ Ġerusalem u l-qerda tat-tempju. Danjel kien miktub ħalli:

> “*l-poplu tal-prinċep li għandu jiġi, iġarraf il-belt u s-santwarju*” (Danjel 9:26b).

Kien ukoll imħabbar li deżolazzjonijijet u gwerer kienu ddeterminati, u ħwejjeġ bħal dawn jiġu bħal dilluvju kbir. Il-fatti storiċi tas-sitwazzjoni huma dawn: Matul it-tmexxija tal-prokuratur Florus (66 W.K.), il-Lhud irvellaw kontra l-gvern Ruman (ara Dana, *The New Testament World*, pp 103-105). Dan daħħal lil-Lhud f'bosta gwerer imdemmija mar-Rumani. Il-"prinċep" li mexxa l-forzi Rumani kien Titu, bin u suċċessur tal-magħruf Vespasjan (Innota l-"prinċep" ta' vers 26b mhuwiex l-istess prinċep bħal Dak Ikkonsagrat, Kristu, ta' vers 25. Il-prinċep ta' vers 26 jiġi wara li l-Wieħed Ikonsagrat ikun meqrud).

Matul dan l-olokawstu terribbli, il-belt ta' Ġerusalem kienet maħruqa (Mattew 22:7) u s-santwarju (it-tempju) kien meqrud. Ġesù qal lil-Lhud taż-żmien Tiegħu lit-tempju jibqalhom ħerba (Mattew 23:38); li dan ikun imwaqqa' u ma titħalliex ġebla fuq oħra (Mattew 24:2). Sinifikament, ġebla waħda biss minn dak it-tempju, u partijiet ta' oħra, kienu identifikati pożittivament mill-arkeoloġisti (Frank, *An Archaeological Companion to the Bible*, p 249. Ara wkoll *The Bbiblical Expositor*. C.F.H Henry, Editor. 111, p 141).

Huwa ta' interess kbir li wieħed jinnota li apparentament il-Lhud għarfu li l-qerda tal-belt u t-tempju kienu twettiq tar-rakkont ta' Danjel. Josephus jiddikjara li "Danjel kiteb ukoll dwar il-gvern Ruman, u li l-pajjiż tagħna jkun magħmul ħerba minnhom" (Antiquities. X, X1, 7).

F'konnessjoni mal-qerda kbira ta' Ġerusalem, Danjel qal

> "*fuq il-ġewnaħ ta' ħaġa mistkerrha [abominazzjoni] jiġi wieħed li jagħmel ħerba*" (Danjel 9:27b).

Gesenius jidentifika l-ġewnaħ bħala l-għola quċċata tat-tempju" (p. 406). "Ħaġa mistkerrha" jew għajb (abominazzjoni) spiss hija wżata dwar l-idoli fit-Testment il-Qadim (ara 1 Slaten 11:5; 2 Slaten 23:13; Danjel 11:31; 12:11). F'dan il-kuntest bla dubju dan jirriferi għas-simboli idolatri ta' l-armati Rumani. Josephus jgħid li meta r-Rumani ħarqu t-tempju huma "ġabu s-simboli tagħhom fit-tempju, u poġġewhom fuq il-bieb tal-lvant tat-tempju; u hemm huma offrew sagrifiċċi lilhom…"

(*Wars*, VI, VI, I). B'hekk, l-armati Rumani, bl-idolatrija mistkerrha tagħhom, ipprofanaw il-belt l-imqaddsa u l-post il-qaddis. U Kristu ħabbar minn qabel dik il-ħaġa nfisha kemm f'Mattew 24:14 u kemm f'Luqa 21:20.

Forsi xi ħadd jgħid kif tista' l-qerda ta' Ġerusalem tkun parti mill-profezija tas-sebgħin ġimgħa ta' Danjel, billi dik il-ġrajja ġrat 40 sena wara l-mewt ta' Kristu. Għandu jkun innutat, iżda, li Danjel ma jaffermax li l-qerda attwali tal-belt kellha ssir *matul* is-sebgħin ġimgħa. Pjuttost, it-test jissuġġerixxi lid-destin ta' Ġerusalem jkun iddeterminat matul dik il-firxa ta' żmien (Danjel 9:26b, 27b). Meta l-Lhud laħqu l-quċċata ta' l-irvell tagħhom u sallbu lill-Messija tagħhom stess, id-digriet jew id-determinazzjoni kien magħmul li huma jkunu meqruda. Bil-qtil tagħhom ta' Kristu, huma mlew il-qies tal-ħażen li kien ikkaratterizzat mill-antenati ribellużi tagħhom. Ġesù Nnifsu qalilhom dan meta qal:

> "Mela issa tkomplu sa l-aħħar dak li bdew missirijietkom!" (Mattew 23:32).

U Ġesù wera lir-ribelljoni akkumulattiva tkun meħtieġa minn "din il-ġenerazzjoni" (Luqa 11:50-51). U hekk, dan immarka "t-tmiem komplut" tal-Ġudżimu, kemm reliġjożament u kemm politikament, mill-punt di vista divin.

Imma qabel nagħlaq dan l-istudju tajjeb li nagħmlu kumment qasir dwar il-veduta premillenjali li huwa ta' importanza kbira. It-teorija dispensazzjonli tallega li "l-għajb (il-profanazzjoni) tal-ħerba" qiegħda fil-post il-qaddis (Mattew 24:15) hija profezija ta' dittatur qawwi li għad irid jitfaċċa, l-Antikrist. Jintqal minn dawn l-għalliema foloz li l-antikrist jipprofana "t-tempju rrestawrat" f'dak l-hekk imsejjaħ perjodu ta' Tribulazzjoni, li huwa maħsub li jiġi qabel il-millenju. Hemm bosta ħwejjeġ iżda li huma ħżiena dwar dan it-tagħlim falz. L-ewwel, il-partiċipji *rhethen* ("li fuqha tkellem") u *hestos* ("qiegħda") f'Mattew 24:15 huma fil-ġeneru newtru (la maskil anqas femminil), u għalhekk, ma jirriferux għall-bniedem (Ara: Lenski, *Matthew*, p. 938. Mark, p. 574). It-tieni, ma hemm ebda karattru speċifiku solitarju fil-Bibbja iżolat bħala l-Anti-

krist. L-appostlu Ġwanni, l-uniku kittieb Bibliku li japplika dan it-terminu, iddikjara **fi żmienu stess**:

> "*Uliedi, waslet l-aħħar siegħa. Smajtu li għandu jiġi l-antikrist.* ***Issa****, araw, ħafna antikristi ġa dehru minn issa. U minn dan nagħarfu li waslet l-aħħar siegħa*" (1 Ġwanni 2:18, enfasi tiegħi).

"*...****Issa****, araw, antikristi ġa dehru minn issa...*" qal Ġwanni b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu. Lil min int temmen, lil Ġwanni jew lill-profeti u lil l-għalliema foloz tal-lum? It-tielet, **imkien** ma l-Bibbja saħansitra ma tagħti xi tagħrif fuq fuq dwar Tribulazzjoni ta' perjodu ta' seba' snin. **Imkien** dan ma jista' jkun ippruvat mill-Kelma ta' Alla! Ir-raba' ma hemm lanqas l-iċken indikazzjoni li "l-post il-qaddis" (li skond il-millenjalisti dan jirriferi għat-tempju u mhux għall-Messija) li qatt dan se jerġa' jkun irrestawrat. Ġesù qal lil-Lhud,

> "*Ara, darkom* ***tibqalkom*** *ħerba*" (Mattew 23: 38).

Din il-profezija minn fomm il-Mulej Innifsu ċertament tinkludi t-tempju. U sinifikament, il-verb "tibqalkom" huwa temp profetiku fil-preżent, u l-kelma turi letteralment,: "li tabbanduna, li tħalliha abbandunata mill-għajnuna ta' Alla" (Thayer, *Lexicon*. P. 89). Ejja ma mbabsux il-Kliem tal-Mulej!

## IT-TIELET STUDJU

# "ŻMIEN TA' DIQA"

## DANJEL 12:1-2

*"F'dak iż-żmien iqum Mikiel, il-kap il-kbir, li qiegħed fuq ulied il-poplu tiegħek; u jkun hemm żmien ta' diqa, li bħala qatt ma kienet mindu kien hemm ġens sa dak iż-żmien: u f'dak iż-żmien jinħeles il-poplu tiegħek, kull min jinsab miktub fil-ktieb, u ħafna minnhom, li huma reqdin fit-trab ta' l-art iqumu, x'uħud għall-ħajja ta' dejjem, u oħrajn għall-għajb u għall-infamja ta' dejjem."*

Din is-silta tirriferi għaż-"żmien ta' diqa," li, skond il-millenjalisti jfisser "it-tribulazzjoni l-kbira" li tiġi qabel il-millenju. Hawn ukoll, ħafna nies sinċiera huma maqbuda fin-nassa tal-qerq ta' l-għalliema foloz. Iżda wieħed għandu josserva sewwa li f'dan "iż-żmien ta' diqa," *it-tnejn*, kemm il-ġusti u kemm il-ħżiena, huma mqajmin. Dan għandu jkun biżżejjed għal min irid tassew li jifhem il-Kelma ta' Alla kif irid il-Mulej li nifhmuha, biex juri kemm huwa falz it-tagħlim millenjali! It-teorija millenjali teħtieġ li l-ġusti jkunu mqajmin l-ewwel, imbagħad l-elf sena, u wara l-millenju l-qawmien tal-ħżiena, għalhekk il-qawmien tal-ħżiena ma jiġrix sa elf sena wara "t-tribulazzjoni." Imma l-Ispirtu s-Santu, billi kien jaf dwar it-tagħlim falz li kien se jkun mgħallem, f'Danjel 12 għandu l-ħżiena mqajma "f'dan" iż-żmien ta' diqa *flimkien* mal-ġusti. Mela ma tistax tkun "it-tribulazzjoni tal-millenju." Ukoll fi Ġwanni 5:28-29, il-Mulej tagħna jurina dan bi kliem mill-aktar ċar fejn jgħid:

*"Tistagħġbux b'dan: tiġi siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu: dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna."*

Eżempju ieħor ċar ta' dan huwa mogħti wkoll mill-Mulej Innifsu, u dan huwa mogħti għaliex Hu kien jaf li fis-sekli ta' wara kien se jkun hemm ħafna tagħlim falz kif fil-fatt aħna qegħdin naraw f'dan l-istudju tagħna. Ġesù qal hekk:

*"Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. U quddiemu jinġabru* ***l-ġnus kollha****, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż: in-nagħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug tiegħu. Imbagħad is-Sultan igħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-saltna li thejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja….imbagħad igħid lil dawk ta' fuq ix-xellug tiegħu, 'Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li thejja għax-xitan u għal l-anġli sħabu….U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem*" (Mattew 25:31-46).

Jista' xi kliem ikun aktar ċar minn dan? **It-tnejn**, it-tajbin u l-ħżiena se jkunu **flimkien**, *fl-istess waqt* quddiem it-tron glorjuż ta' Alla. It-tajbin se jkunu fuq il-lemin waqt li l-ħżiena se jkunu fuq ix-xellug. **It-tnejn**, kemm it-tajbin u kemm il-ħżiena se jkunu mogħtija dak li ħaqqhom **fl-istess waqt** u mhux wara xi perjodu ta' elf sena mfassal minn xi għalliema foloz moderni! Trid tkun tassew prużuntuż biex tipprova tgiddeb lill-Mulej u tiddefendi t-tagħlim falz tal-millenjalisti!

Kif il-millenjalisti jsibu xi silta fil-Bibbja jew fl-Almanakk li tirriferi għall-"korla" jew "inkwiet" jew "battalja" huma jaqbżu għat-tribulazzjoni, għall-millenju u għal Armageddon. Qatt int innutajtu dan? Kif ikun hawn xi nkwiet f'xi pajjiż dawn mill-ewwel jinterpretawh bħala li huwa sinjal! Kif ikun hawn xi terremot xi mkien, dawn mill-ewwel jinterpretawh bħala li huwa sinjal! Ukoll, meta jkun hawn xi eklissi tax-xemx (kif fil-fatt se jkun hawn ftit ġranet wara li qiegħed nikteb dan l-istudju, jiġifieri, fit-tlettax ta' Awissu, 1999), tisma' minn jgħid li waslet l-aħħar tad-dinja, u sfortunatament ħafna niex jemmnu lil dawn il-profeti foloz, imma wara li kollox jgħaddi, dawn jintnesew u l-millenjalisti jivvintaw xi sinjali oħra. L-isfortuna

imma hija, li ħafna nies sinċiera jemmnu t-tagħlim falz tagħhom li jwassal għal telfien ta' dejjem għaliex b'hekk dawk li jemmnu lil dawn l-għalliema foloz ikunu qegħdin iwarrbu l-Kelma ta' l-Ispirtu s-Santu! Il-Kelma ta' Alla mimlija bi twissijiet kontra dawn il-profeti u għalliema foloz (ara Mattew 24:24; Mark 13:22; 2 Korintin 11:13-15; Galatin 1:6-9; Kolossin 2:18-19; 2 Tessalonikin 2:8-12; 1 Timtoju 4:1-3; 2 Timtoju 3:13; Titu 3:13; Rivelazzjoni 13:11-14; 16:12-16; 19:19-20). Tassew li l-Ispirtu s-Santu kien jaf dwar dawn il-profeti u l-għalliema foloz biex għamel dawk it-twissijiet kollha!

Ir-riferenza f'dawn il-versi ta' Danjel hija għall-ġustifikazzjoni tal-kawża Lhudija mill-kustodju ta' Iżrael, muri minn Danjel bħala Mikiel, li daħal biex jeħles lil Iżrael miż-żmien ta' nkwiet. Żmien bħal dan fl-istorja ta' Iżrael huwa msemmi fil-ktieb ta' l-ewwel Makkabin 1:10, 20, 22, 29, 30, 39 u fl-istorja ta' Josephus. Dan il-perjodu kien imfisser bħala l-agħar żmien ta' diqa sa minn meta Iżrael kien nazzjon *sa dak iż-żmien*. Id-deskrizzjoni hija dik tal-persekuzzjonijiet ta' Antijoku Epifani wara li l-profezija tat-Testment il-Qadim kienet magħluqa u matul il-perjodu bejn it-testmenti. Il-ħelsien li kien imwiegħed lil "*kull min jinsab miktub fil-ktieb*" jirriferi għall-fortuni tal-Lhud li baqgħu ħajjin wara l-perjodu ta' persekuzzjoni ta' Antijoku, li bla dubju huwa s-sens li fih il-qawmien huwa wżat f'vers 2. Xi wħud "iqumu" minn dan il-perjodu ta' persekuzzjoni għall-ħajja ta' dejjem offruta fl-Evanġelju, u oħrajn għall-għajb u stmerrija li akkumpanjaw it-telfa tal-kawża ħażina ta' Antijoku. Il-qawmien hawn jikkompara figurattivament mal-qawmien imsemmi minn Isaija (26:13-19) u Eżekjel (37:1-14) f'riferenza għall-ħelsien mill-persekuzzjoni u l-jasar ta' Babel.

F'versi 5 sa 7 Danjel jgħid:

> "*Imbagħad jien, Danjel, ħarist, u, ara tnejn oħra kienu weqfin, wieħed fuq naħa waħda tax-xmara, u l-ieħor fuq in-naħa l-oħra tax-xmara. U wieħed qal lir-raġel liebes il-għażel, li kien 'il fuq mill-ilma tax-xmara: Kemm idum biex jasal it-tmiem ta' dawn il-ħwejjeġ*

*tal-għaġeb? U smajt ir-raġel libes il-għażel, li kien 'il fuq mill-ilma tax-xmara, xħin rafa' idu l-leminija, u idu x-xellugija lejn is-sema, u ħalef bil-ħaj ta' dejjem, li dan ikun għal żmien, żminijiet, u għal nofs żmien; u hekk kif tkun tkissret għalkollox il-qawwa tal-qerried tal-poplu mqaddes, dawn il-ħwejjeġ kollha jseħħu.*"

Fis-sena 167 Q.K. Antijoku neħħa s-sagrifiċċji tat-tempju, li kienu irrestawrati mill-Makkabin fis-sena 163 Q.K., perjodu ta' tliet snin u nofs, "iż-żmien, żminijiet, u nofs" eżatti li Danjel qal "*dawn il-ħwejjeġ kollha jseħħu*," jispiċċaw.

Il-perjodu kollu ta' *dawn il-ħwejjeġ* huwa mqiegħed 'il quddiem f'versi 8 sa 13:

"*Jien smajt, u ma fhimtx: imbagħad għidt: O Sidi, x'ikun it-tmiem ta' dawn il-ħwejjeġ? U qal: Mur, Danjel: għax il-kliem magħluqin, issiġillati sa żmien it-tmiem. Ħafna jitnaddfu, u jitbajdu, u jiġġarrbu; iżda l-ħżiena jagħmlu l-ħażin: u l-ebda wieħed mill-ħżiena ma jifhem; iżda l-għorrief jifhmu. U mindu jitneħħa s-sagrifiċċju ta' kuljum, u l-għajb li jġib ħerba jitwaqqaf, ikun hemm elf u mitejn u disgħin jum. Imbierek min jistenna, u jilħaq sa elf u tliet mija u ħamsa u tletin. Iżda int tibqa' sejjer fit-triq tiegħek sat-tmiem: għax int tistrieħ, imbagħad targa' tqum biex tieħu sehem wirtek fi tmiem il-jiem.*"

It-terminus li minnu dan il-perjodu jibda sat-terminus tal-perjodu lis-sagrifiċċji kienu bdew mill-ġdid jipprovdu "l-elf u mitejn u disgħin jum." U Antijoku kien imneħħi u miet *ħamsa u erbgħin jum* wara, kif jintqal f'vers 12. Ftit jista' jkun possibbli li dan il-qbil ta' l-istorja mal-profezija ta' Danjel 12 jista' jkun aċċidentali, u dan juri lir-riferenza kienet għall-perjodu ta' Antijoku u *kienet imwettqa fil-ġrajjiet ta' dak il-perjodu*.

Iżda kien intqal lil Danjel f'vers 13 biex:

> "*Ibqa' sejjer fit-triq tiegħek sat-tmiem: għax int tistrieħ, imbagħad tarġa' tqum biex tieħu sehem wirtek fi tmiem il-jum.*"

Hawn Danjel kien infurmat li, billi kien xiħ hu ma kienx se jgħix biex jara t-twettiq ta' dawn il-ħwejjeġ.

Jekk oġġezzjoni hi offruta ħalli tagħmel dawn il-perjodi matematikament eżatti, fil-waqt li f'waqtiet oħra dawn mhumiex, huwa biżżejjed li nfakkar dwar l-istqarrija li kienet magħmula qabel: li meta perjodu eżatt ikun imfisser, il-kontenut jagħti l-ispeċifikazzjoni għalih, eżempji ta' dan huma mogħtija f'Isaija 7:5-9, iż-żmien għal Efrajm, il-ħamsa u sittin sena għat-tmiem ta' l-għaxar tribujiet fejn kien imwettaq matematikament; u l-perjodu ta' l-eżilju ta' Iżrael mogħti f'Ġeremija 25:12 f'riferenza għas-sebgħin sena ta' eżilju f'Babel. Il-każ preżenti mhuwiex differenti fil-karattru, fil-perjodu tal-Lhud taħt Antijoku Epifani.

## IR-RABA' STUDJU

## X'KIENU L-KONSEGWENZI GĦALL-ĠENERAZZJONI LI RRIĠETTAT LIL KRISTU? KIENET ID-DEŻOLAZZJONI TA' 70 W.K. IMBASSRA MINN KRISTU?

> "*Għax dawn huma jiem ta' vendetta,* ***li fihom iseħħ kulma nkiteb***" (Luqa 21:22).

"*Il-profeti* kitbu *ħafna ħwejjeġ* dwar iż-żmien meta Alla jikkastiga *lill-poplu Tiegħu*. Dan huwa ż-żmien meta dawn il-ħwejjeġ kollha għandhom jiġru." Dan kien imbassar minn Ġeremija 5:29 u minn Ħosegħa 9:7.:24.

Xi wħud jassumu li dak li naqraw f'Luqa 21 "sa ma jintemm żmien il-Ġentili" u dak li naqraw f'Rumani 11:25, "…sama l-milja tal-Ġentili tidħol" li meta "n-numru sħiħ" tal-Ġentili jkun ikkonvertit għal Kristu, il-Lhud jerġgħu jiġu fil-favur ta' Alla. Imma ma jidher li hemm ebda raġuni tajba għal din il-veduta, għaliex sa mill-Jum ta' Pentekoste *dawk kollha* li Alla jistieden biex jiġu Għandu *permezz tal-messaġġ ta' l-Evanġelju*, ukoll dawk li huma l-bogħod kemm jekk Lhud u kemm jekk Ġentili, jistgħu jkunu salvi. *Il-prijorità tal-Lhudi kienet mitlufa fis-salib*, imma l-Evanġelju, naturalment, għandu jkun ippridkat lill-bnedmin kollha, kemm lil-Lhud u kemm lill-Ġentili, sama Kristu jerġa' jiġi. Ta' minn jinnota wkoll hawn li l-Lhud kienu d-dixxendenti ta' Abraham, iżda wkoll fit-Testment il-Qadim mhux Iżrael kollu kien Iżrael (ara Rumani 9:6-7). L-Ispirtu s-Santu, permezz ta' l-appostlu Pawlu enfasizza li l-veru Lhudi *llum* huwa dak liċ-ċirkonċizzjoni tiegħu hija dik tal-qalb:

> "*Mhux dak li jidher li hu Lhudi minn barra hu Lhudi, l-anqas min għandu ġismu ċirkon-ċiż;* ***il-veru Lhudi*** *hu dak li hu Lhudi minn ġewwa; iċ-ċirkonċiżjoni vera hi dik tal-qalb, opra ta' l-Ispirtu u mhux tal-liġi miktuba. Bniedem bħal dan, mhux il-bnedmin ifaħħ-ruh, imma Alla*" (Rumani 2:28-29 enfasi tiegħi. Ara wkoll Galatin 5:1-6).

Il-Kristjani huma l-Lhud li huma mfissra hawn. Aħna, bħala Kristjani m'aħniex Lhud minn barra. Ukoll Lhud minn barra kellhom isiru Lhud minn ġewwa biex ikunu Lhud veri! Dwar dan naraw aktar 'il quddiem.

F'Danjel, kapitlu disa', l-anġlu Gabrijel qal lil Danjel li kien hemm "sebgħin ġimgħa" iddeterminati fuq il-poplu ta' Iżrael bħala nazzjon. Dwar dan diġa rajna ħafna. Vers 26 juri lit-tkomplija ta' dan il-perjodu ta' sebgħin ġimgħa speċifikament għandha ġġib il-qerda tal-belt u tas-santwarju ta' Ġerusalem. Kristu, f'li jiddeskrivi l-ħażen tal-mexxejja Lhud f'Mattew 23, għalaq billi qal li fuq dik il-ġenerazzjoni jew nisel jiġi d-demm kollu tan-nies sewwa mċarċar fuq l-art, mid-demm ta' Abel (Mattew 23:35). Dawn iż-żewġ profeziji huma relatati direttament għal xulxin. Kristu, ukoll f'wirja tal-ġudizzju li kellu jiġi fuq in-nazzjon ta' Iżrael, qalilhom, "*Ara, darkom tibqagħlkom ħerba*" (Mattew 23:38). Din hija l-istess lingwa li hija wżata f'Danjel kapitlu disa' li tirriferi għat-tkomplija tal-perjodu tas-sebgħin ġimgħa kif rajna aktar qabel. Xi wħud qegħdin jiġu ngannati minn dawn il-profeti foloz li l-ġudizzju msemmi hawn huwa l-ġudizzju ta' l-aħħar. Dan mhu minnu xejn!

L-ewwel, aħna għandna nirrealizzaw meta l-ħerba ġrat. ħafna jgħallmu li din tkun matul perjodu ta' tribulazzjoni ta' seba' snin, li fih Alla jispiċċa l-ittrattar tiegħu "man-nazzjon ta' Iżrael." Kristu Nnifsu, iżda, qal li l-ġudizzju jiġi fuq dak in-nisel jew ġenerazzjoni, li kien jgħix dak iż-żmien. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li wieħed ikun biss Lhudi *jekk* huwa jkun imwieled mill-ġdid. Nerġa' ntenni dak li għadni kif ikkwotajt fil-paġna ta' qabel, fejn permezz ta' l-appostlu Pawlu, l-Ispirtu s-Santu jgħid bi kliem ċar ħafna:

> "*Għax mhux min jidher minn barra, hu Lhudi; lanqas m'hi ċirkonċiżjoni, dik li tidher minn barra fil-ġisem: **iżda hu Lhudi, dak li hu wieħed minn ġewwa**; u ċ-ċirkonċiżjoni hi dik tal-qalb, fl-ispirtu, u mhux fl-ittra; u t-tifħir tiegħu mhux tal-bnedmin, imma t'Alla*" (Rumani 2:28-29).

Ħaġa ta' l-iskantament hija, kif, wara li wieħed jaqra dan il-kliem ispirat mill-Ispirtu s-Santu u li m'għandu bżonn ta' ebda tifsira ikompli jsostni li l-poplu **fiżiku** Lhudi għad jerġa' jkollu ċans ieħor li jsalva, (barra minn dak permezz ta' l-Evanġelju,

(Rumani 1:16) imma aħna nafu, u dan nafuh għaliex tgħidulna l-Kelma ta' Alla, li l-uniku "nazzjon ta' Iżrael" wara Kristu hu l-ġisem ta' emmiena li twieldu mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu. F'Mattew 21:43, meta Kristu ikkonfronta lill-mexxejja Lhud fejn qalilhom:

> "*Is-saltna ta' Alla tittieħed minn għandkom, u tingħata lill-ġens li jagħti l-frott minnha*"

Hu kien qiegħed biċ-ċar jidentifika li l-ittrattar Tiegħu man-"nazzjon ta' Iżrael" dalwaqt kien se jkun komplut. Naraw li l-*ġudizzju* kellu jiġi fuq *dik il-ġenerazzjoni*, x'sar minn din l-aħħar ġenerazzjoni ta' "Lhud" mhux salvi?

Fi twettiq tal-profeziji ta' Danjel kapitlu disa', u l-profeziji ta' Ġesù Kristu, *il-ġudizzju jew il-ħaqq* ta' Alla ġie fuq dak in-nazzjon li ma tax frott fis-seba' snin ta' gwerra (mil-lum 'il quddiem sempliċiment imsejjaħ '70 W.K.' Ara Josephus' War Archive), li kien irrappreżentat mill-qerda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K., meta l-belt kienet assedjata u meqruda għal kollox. Dan huwa l-ġudizzju stess li kien imwiegħed għad-diżubbidjenza f'Levitku 26, f'Dewteronomju 28, fl-1 Slaten 9, fit-2 Kronaki 7, u f'ħafna postijiet oħra. Xi wħud japplikaw dan il-ġudizzju bħala li għandu jkun dak fl-aħħar taż-żminijiet. Imma dawn huma żbaljati għal kollox! Mattew 24, u Luqa 21 jagħtu d-data ta' din il-qerda b'mod l-aktar ċar bħala li hi d-deżolazzjoni tan-nazzjon kollu Lhudi mis-sena 66-73 W.K., bil-qerda ta' Ġerusalem fil-punt tat-tliet snin u nofs.

Ir-riferenza ta' Mattew 24 tidentifika l-qerda tal-belt u tas-santwarju bħala li tiġri, l-ewwelnett, sewwasew għall-jum tal-profezija tiegħu. F'Mattew 24:34, Kristu jgħid,

> "*Tassew ngħidilkom: Dan in-nisel ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*"

Dan in-nisel ma jgħaddix, "*sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*" Ħafna jgħidu, kif diġa semmejt aktar qabel, li l-kelma ġenerazzjoni jew "nisel" ma tirriferixxix għaż-żmien, imma għaxxorta ta' nies involuti. Aħna nafu li dan mhux minnu, għaliex

f'Luqa 17:25, Ġesù Kristu jirriferi għall-kurċifissjoni Tiegħu, fejn jgħid,

> "*Imma qabel jaħtieġ li jbati ħafna, u jinċaħad* ***minn dan in-nisel***" (enfasi tiegħi).

Hawn biċ-ċar Ġesù qiegħed jagħmel kummentarju fuq nisel speċifiku. Ukoll, fl-lingwa l-aktar ċara, Ġesù Kristu qal lill-qassis il-Kbir, f'Mattew 26:64,

> "*…mil-lum 'il quddiem taraw Bin il-bniedem qiegħed fil-lemin tas-setgħa, u ġej fuq is-sħab tas-sema.*"

F'Mattew 16:28, Kristu jgħid,

> "*Tassew ngħidilkom: Ikun hemm x'uħud mil-li qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, sama jaraw Bin il-bniedem ġej fis-saltna tiegħu.*"

Barra minn dan, dak kollu li Kristu qal li se jiġri fuq dak in-nisel jew fuq dik il-ġenerazzjoni, ġara! Din l-istqarrija ċara u letterali minn Alla Nnifsu, timplika *lit-twettiq tal-ġudizzji ta' Danjel 9* kellu jiġri fis-sena 70 W.K., tista' tkun issostanzjata f'modi oħra. Riferenza ta' Mattew 24:15 mar-rakkont ta' Luqa tgħaqqad il-qerda ta' Ġerusalem bħala li tiġri meta dik il-ġenerazzjoni tara l-belt imdawra b'armata. Naqraw f'Mattew,

> "*Għalhekk meta taraw il-għajb tal-ħerba, li fuqha tkellem il-profeta Danjel, qiegħda fil-lok imqaddes (ħa jifhem min jaqra). Imbagħad ħalli jaħarbu dawk li jkunu fil-Lhudija għall-muntanji*" (Mattew 24:15-16).

Jużа l-istess kmand għan-nies tal-Lhudija biex jaħarbu, Kristu jgħid, f'Luqa 21:20,

> "*U meta taraw 'il Ġerusalem imdawra bl-armati, imbagħad kunu afu li qorbot il-ħerba tagħha.*"

U biex jidentifika biċ-ċar x'inhu l-iskop għall-ħerba, jintqal lilna, f'vers 22,

> "*Għax dawn huma l-jiem ta' tagħdib,* ***biex isseħħ kulma nkiteb***" (enfasi tiegħi).

Jekk, tassew, il-korla tal-Mulej kienet imsawba fuq in-nazzjon Lhudi magħmul "ħerba" fis-sena 70 W.K., xi jsir mill-profeziji f'Danjel 9:24-47 li jidentifikaw it-tlestija tan-nazzjon li ma tax frott bħala li ġraw fit-tmiem tas-sebgħin ġimgħa, meta l-belt u s-santwarju (il-lok il-qaddis) kienu meqruda? Għandna aħna nifhmu li dan il-perjodu ta' sebgħin ġimgħa kien imwettaq fil-qerda fis-sena 70 W.K.? Żomm f'moħħok lis-sebgħin ġimgħa kienu iddeterminati fuq "*il-poplu tiegħek u l-belt imqaddsa tiegħek*," u li mat-tmiem tas-sebgħin ġimgħa, il-belt u s-santwarju jkunu meqruda. Dan kien imwettaq fis-sena 70 W.K. Meta Kristu miet fuq is-salib "***kollox kien mitmum***" u dan qalu Ġesù Kristu għalkemm l-għalliema foloz tal-lum jippruvaw id-awru dan il-kliem tal-Mulej! Skond il-Mulej Ġesù Kristu, kien "KOLLOX MITMUM" jew le? Illum aħna m'aħniex qegħdin nistennew biex it-tempju jerġa' jinbena, sempliċiment biex dan ikun jista' jerġa' jinqered, billi dan diġa ġara! Ukoll, mat-tmiem ta' dan il-perjodu, "is-sagrifiċċju u l-offerta" (Danjel 9: 27) kellhom jieqfu. Dan, ukoll, kien imwettaq fis-sena 70 W.K. Illum aħna m'aħniex qegħdin nistennew biex is-sagrifiċċji jerġgħu jibdew, sempliċiment biex ikunu jistgħu jerġgħu jieqfu, billi dan diġà ġara! L-Ispirtu s-Santu jgħidilna:

> "*Għax Alla mhux l-awtur tat-taħwid, iżda tas-sliem,…*" (1 Korintin 14:33).

It-taħwid jagħmluh l-interpretazzjonijiet tal-bnedmin u mhux ta' l-Ispirtu s-Santu!

F'aktar konferma, Danjel 9:24 isemmi sitt ħwejjeġ speċifiċi li jkunu mwettqa mat-tmiem ta' dan il-perjodu, liema kienu mwettqa **kollha**. Kif diġa rajna aktar qabel, fit-tieni studju, paġna 17, dwar is-Sebgħin Ġimgħa ta' Danjel 9:23-27, f'konferma tat-twettiq, dan jaqra hekk:

> "***Sebgħin ġimgħa huma maqtugħin għall-poplu tiegħek, u għall-belt imqaddsa tiegħek, biex:***

1. “***Ikun miżmum il-ħażen,***”
–Dan kien imwettaq (Luqa 11:47-51; Mattew 23:29-32; Mattew 21:33-45).
2. “***Jintemmu d-dnubiet,***”
–Dan kien imwettaq (Ġwanni 1 :29; Mattew 1:21; Atti 10: 43; Lhud 9:26).
3. “***Titħallas il-ħtija,***”
–Dan kien imwettaq (2 Korintin 5:18-21; Lhud 2:17; Kolossin 1:20; Rumani 5:10).
4. “***Tiġi s-sewwa ta’ dejjem,***”
–Dan kien imwettaq (Rumani 3:25-26; Lhud 9:12; 2 Tessalonikin 2:16; 2 Korintin 9:9).
5. “***Issiġillata d-dehra u l-profezija,***”
–Dan kien imwettaq (Lhud 1:1-2; Ġwanni 1:1; 2 Pietru 1: 19-21).
6. “***Jindehen il-post l-aktar qaddis.***”
–Dan kien imwettaq (Mattew 3:15-17; Luqa 4:18; Atti 4: 26-27; 10:38).

Ta’ interess, Kristu, fi tweġiba għall-mistoqsija dwar kemm-il darba għandu wieħed jaħfer lil ħuh, Hu wieġeb billi qal, “*imma sa sebgħin għal seba’ darbiet*” (Mattew 18:22), li huwa l-istess ammont eżatt taż-żmien fis-sebgħin ġimgħa ta’ Danjel. L-implikazzjoni hija li hemm tmiem għas-sabar ta’ Kristu man-nazzjon Tiegħu. Kristu wettaq il-patt li huma kisru sewwa ’l fuq minn 490 ‘darba’. Ħa nagħmilha ċara hawn. Dan ma jfissirx li Kristu kien qiegħed jgħid li wara “sebgħin sebajiet” aħna m’għandniex naħfru aktar, imma li, sempliċiment, “sebgħin ġimgħa kienu iddeterminati fuq il-poplu ta’ Danjel.” Il-kuntest taż-żewġ siltiet juri s-sens tagħhom.

Għalhekk, aħna nistgħu naraw li l-ħerba ta’ Ġerusalem fis-sena 70 W.K. *wettqet* il-profeziji ta’ Danjel kapitlu disa’, kontra l-ġenerazzjoni stinata u mħassra li rriġettat lill-Mulej u lill-Ikkonsagrat Tiegħu. Kristu *iġġudika* n-nazzjon bil-ħerba, u neħħa s-saltna ta’ Alla u taha lil nazzjon li jġib ’il quddiem il-frott, li huwa n-nazzjon *ta’ dawk kollha li jemmnu*. “Il-jiem tal-vendetta, li l-ħwejjeġ kollha li huma miktuba jkunu mwettqa” li

jissemmew ma jistgħux ikunu ħaġ'oħra ħlief it-twettiq tas-sebgħin ġimgħa bil-qerda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K. **Għal-hekk, il-Qerda, id-Deżolazzjoni tal-Palestina fis-Sena 66-73 W.K. Kienet it-Twettiq tas-70 Ġimgħa ta' Danjel, U t-Tmiem ta' Kull 'Nazzjon Temporali ta' Alla'. Il-Kurċifis-sjoni Dan Kollu Wettqitu. "Kollox Mitmum" Iddikjara l-Mulej Fuq is-Salib.** U aħna, bħala Kristjani hekk nemmnu, li "**Kollox Mitmum**" għaliex **hekk jgħid il-Mulej**! Xi wħud jippruvaw ibabsu l-kliem tal-Mulej u jagħtuh interpretazzjoni falza li ġejja minnhom infushom iżda l-Mulej poġġa l-kliem Tiegħu ċar ħafna li kulħadd jista' jifhmu faċilment meta qal li "***kollox** mitmum.*" Jew **kollox** kien mitmum jew le. Jekk le, allura l-kelma "kollox" ma tfissirx "kollox" u l-Mulej qarraq bina!

Ukoll, biex wieħed jifhem aktar ċar dwar li dak kollu li kien ipprofetizzat fit-Testment il-Qadim kien imwettaq f'Ġesù Kristu, l-Ispirtu s-Santu ispira lil Luqa biex jikteb dak li qal Ġesù dwar dan, u dan hu miktub għaliex Alla kien jaf li fiż-żminijiet ta' wara jkun hawn għalliema foloz li jgħidu li l-profeziji tat-Testment il-Qadim *għadhom mhumiex imwettqa*! Naqraw f'Luqa 24:25-27,

> "*Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwej-jeġ u hekk jidħol fil-glorja tiegħu? U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.*"

Hawn Ġesù ma sejħilhomx "boloh" fis-sens li aħna nitkellmu dwar nies bħala li jkunu boloh; l-oriġinal ifisser "moħħkom ma jarfax." Huma kienu qraw dak li kien intqal mill-profeti, imma naqsu milli jagħmlu l-applikazzjoni għal Ġesù. Illum l-istess qiegħed jiġri. Ħafna għalliema foloz qegħdin jonqsu milli jagħ-mlu l-applikazzjoni għal Ġesù Kristu li "*l-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwejjeġ u hekk jidħol fil-glorja tiegħu*"! Huma qegħdin jgħidu u jgħallmu llum li l-Messija **għad** irid jerġa' jiġi fuq l-art u jsaltan għal elf sena letterali! Dan imur għal

kollox kontra dak li qal il-Mulej hawn! Illum Ġesù Kristu *wettaq* il-profeziji kollha tat-Testment il-Qadim, u skond Hu, qiegħed "*fil-glorja Tiegħu.*" Ġesù mhuwiex se jħalli l-glorja tiegħu fis-smewwiet, li hija twettiq tal-profeziji, u jerġa' jinżel fuq l-art biex jerġa' jibda jsaltan, u mbagħad wara l-elf sena, jerġa' jidħol fil-glorja Tiegħu fis-smewwiet! Dan huwa kollu t-tagħlim falz u inter-pretazzjoni falza ta' siltiet minn Rivelazzjoni minn profeti u għalliema foloz! Meta Ġesù jerġa' jiġi, Hu jiġi biex jeħodna Miegħu u mhux biex iwaqqaf saltna għal elf sena fuq l-art!

"*...U beda minn Mosè u l-profeti kollha...*"

Ġesù ma ħalla *ebda ktieb* barra mit-Testment il-Qadim. Hu ppreżenta veduta komprensiva dwar il-profeziji li kienu jitkell-mu Dwaru mill-ewwel serje ta' tbassir fil-kitba ta' Mosè l-isfel matul il-profeti kollha saż-żmien id-dehra Tiegħu; imbagħad it-twettiq ta' dawn il-profeziji Fih Innifsu; b'hekk Ġesù iddikjara li Hu kien il-qalbha ta' l-Iskrittura tat-Testment il-Qadim.

Imbagħad Luqa jkompli jikteb f'versi 44 u 45,

> "*Imbagħad qalilhom: "Meta kont għadni ma-għkom għedtilkom dawn il-kelmiet, '**Jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi** fil-Liġi ta' Mosè, fil-profeti u fis-salmi*" (enfasi tiegħi).

Ġesù qal li "*jeħtieġ li jseħħ kull ma nkiteb fuqi.*" Naqblu aħna li dak **kollu** li nkiteb fuq Ġesù fit-Testment il-Qadim "seħħ" għal kollox? Jekk xi ħadd ma jaqbilx allura Ġesù u l-profeti kollha kienu żbaljati! Imma dak kollu li kien ipprofetizzat dwar il-Messija, jew dak li kien "*miktub fil-liġi ta' Mosè, u fil-pro-feti, u fis-salmi*" kien imwettaq. Ma jibqa' xejn hawn li għad mhux imwettaq u li għad irid ikun imwettaq! "*Kollox mitmum*" qal il-Mulej fuq is-salib! Dan jinkludi t-Testment il-Qadim kol-lu, għaliex hawn huma msemmija t-tliet diviżjonijiet li fihom il-Lhud qasmu t-Testment il-Qadim. "Il-liġi ta' Mosè" kienet tinkludi l-ewwel ħames kotba, jew il-Pentatewku; "Il-profeti" jinkludu l-kotba ta' Ġożwè, Imħallfin, l-Ewwel u t-Tieni Sam-wel, l-Ewwel u t-Tieni Slaten, tlieta mill-profeti maġġuri (Isa-

ija, Ġeremija, u Eżekjel), u t-tnax-il profeta minuri; "is-salmi" jinkludu l-kotba poetiċi u l-kotba l-oħra kollha tat-Testment il-Qadim li xi kultant huma msejħa "l-Iskrittura" (Ġwanni 5:39). Dan il-grupp fih, is-Salmi, Ġob, Proverbji, Għanja ta' Salamun, Rut, Biki ta' Ġeremija, Ekklezjażti, Ester, Danjel, Esdra, Neħemija, u l-Ewwel u t-Tieni Kronaki. Meta Ġesù iddikjara li *l-ħwejjeġ kollha* għandhom ikunu mwettqa li kienu miktuba Dwaru, hu nkluda t-Testment il-Qadim kollu.

> "*Imbagħad fetħilhom moħħom biex jifhmu l-Iskrittura*" (Luqa 24:45).

Ġesù għallem lid-dixxipli Tiegħu li dak kollu li kien miktub Dwaru fit-Testment il-Qadim **kien imwettaq**; u dan juri li dak it-tagħlim li Ġesù Kristu għad irid jeġa' jiġi biex isaltan fuq l-art għal elf sena f'Ġerusalem huwa ***għal kollox tagħlim falz*** u li jwaqqa' l-kliem li qal Ġesù Kristu f'dawn il-versi ta' Luqa! Ġesù fetħilhom moħħom u huma fehmu imma llum, il-millenjalisti għad ma jridux li jifhmu u sfortunatament ħafna nies sinċiera qegħdin jinqabdu fin-nassa qerrieda tagħhom li twassalhom għat-telfien ta' dejjem! Jew "*kull ma nkiteb*" seħħ jew le! Il-Mulej qalilna li *kull ma nkiteb, ukoll dak li hemm f'Danjel*, "seħħ." Il-Millenjalisti jgħidulna, le, "għadu ma seħħx"! Jgħidulna li għad baqa' *elf sena oħra* xi jseħħu! Dan għandu juri kemm hija żbaljata l-interpretazzjoni tal-millenjalisti dwar is-saltna ta' elf sena fuq l-art ta' Ġesù Kristu. Jekk skond Ġesù Kristu dak kollu li "*nkiteb fil-liġi ta' Mosè, fil-profeti u fis-salmi*" **seħħ kollu** allura l-elf sena għandhom ikunu interpretati mod ieħor, jiġifieri, li jfissru l-Epoka Kristjana li aħna llum ninsabu fiha bi Kristu bħala s-Sultan li qiegħed isaltan mis-Smewwiet! Din hija l-interpretazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu u mhux tal-millenjalisti! Aħna bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid nemmnu lill-Mulej tagħna li "*kull ma nkiteb*" seħħ u li "*kollox kien mitmum*," u li Hu "*temm ix-xogħol li tah jagħmel il-Missier*" (Ġwanni 17:11). Lil min temmen int, lil Alla jew lill-bnedmin?

Imma hawn ukoll, dawk l-għalliema foloz jippruvaw jagħtu interpretazzjoni falza tal-kliem li qal Ġesù, jiġifieri, li "*kollox mitmum.*" Huma jgħidu li veru li kollox kien mitmum, imma dan kien dak biss li kellu x'jaqsam ma' Kristu, mal-mewt Tiegħu fuq is-salib. Din hija dawgħa kbira għaliex meta Kristu qal li "KOLLOX" huwa fisser "kollox" u ma għamel ebda distinzjoni bejn il-mewta Tiegħu fuq is-salib u ħwejjeġ oħra! Kull ħaġa oħra li naqraw dwarha fil-Bibbja Mqaddsa li tappartjeni għal Ġesù Kristu: il-profeziji Dwaru, il-ħajja Tiegħu, it-tagħlim Tiegħu, il-mirakli Tiegħu, il-passjoni Tiegħu, il-knisja jew is-saltna Tiegħu, u dak kollu li hemm miktub fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa huma nklużi fil-kliem, "*kollox mitmum.*" Meta Ġesù qal li kollox kien mitmum Hu kien qiegħed jirriferi għal dak kollu li kien ipprofetizzat Dwaru u dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam Miegħu! Kien qiegħed jirriferi għal "*kull ma qalu l-profeti, minn Mosè u l-profeti kollha, fil-Liġi ta' Mosè, fil-profeti u fis-Salmi*" (Luqa 24:25-27, 44-45). Ġesù kien qiegħed jirriferi għal dak li qalu "*l-profeti* ***kollha****, ibda minn Samwel u dawk li ġew warajh*" li lkoll tkellmu u ħabbru dwar dawn il-jiem" (Atti 3:24). Nistaqsi jien, "l-elf sena" huma dwar Ġesù jew le? Imma jekk "kollox hu mitmum," allura dawn ċertament li mhumiex letterali! Imma l-profeti u l-għalliema foloz tal-lum jgħidu mod ieħor u jġibu l-Kelma ta' Kristu fix-xejn!

Imma biex l-Ispirtu s-Santu jkompli jkisser it-tagħlim falz ta' dawn il-profeti u għalliema foloz dwar il-millenju jgħidilna permezz ta' l-appostlu Pietru,

> "*U jibgħat 'il Ġesù Kristu, li kien imxandar lilkom minn qabel: li s-sema għandu jilqgħu sa żminijiet tat-tiġdid ta' kollox, li qal Alla b'fomm il-profeti qaddisa kollha tiegħu minn mindu bdiet id-dinja*" (Atti 3:20-21).

Qabel inkompli nixtieq niġbed l-attenzjoni ta' min jaqra dan l-istudju li fil-verżjonijiet tal-Malti, tal-Bibbja, wieħed għandu joqgħod attent dwar kif jinqraw dawn il-versi. Żewġ verżjonijiet minnhom (T.B.S. u B.S.), minflok "żminijiet" (vers 20), fil-

plural, dawn iġibu "żmien," fis-singular, li tagħmel differen-za kbira fit-tifsira tagħha. Ukoll, il-verżjoni Għ.B.M., minflok "sa ma jseħħ it-tiġdid *ta' kollox*" iġib "sa ma jseħħ it-tiġdid *kollu*" li hija traduzzjoni ħażina wkoll. Kulma wieħed għandu jagħmel jekk jiddubita dwar dak li qiegħed ngħid jien, dan jaq-bad il-Grieg u jqabbel miegħu.

Mela, x'inhu jgħidilna l-Ispirtu s-Santu hawn? Qiegħed jgħi-dilna li Ġesù Kristu għandu jibqa' fis-sema sa ma jseħħ ir-rest-awrazzjoni jew "*it-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha*" li hija traduzzjoni aktar eżatta. Il-millenjalisti jgħallmu b'mod żbaljat għal kollox li "ż-żminijiet tat-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha" jibda b'millenju meta Kristu jerġa' jiġi. Kont tafu dan int jew le? Imma dawn il-versi, miktuba b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ma jgħidux lis-sema għandu jżomm lil Kristu sa ma *l-ħwejjeġ kollha jib-dew ikunu mġedda jew irrestawrati*. Dan jgħid "iż-żminijiet" (plural) tat-tiġdid "tal-ħwejjeġ kollha" (plural).

Dan Ġesù li hawn huwa mwiegħed li jiġi lura għandu jibqa' fis-sema sa ma "l-ħwejjeġ kollha jkunu mġedda." Pietru qal lil-Lhud li dan Ġesù li huma kienu sallbu tela' lura fis-sema, u li issa s-sema għandha tirċevih u żżommu sakemm jerġa' jiġi; il-Messija għandu jsaltan fuq il-poplu ta' Alla sakemm jerġa' jiġi. "Żminijiet tat-tiġdid" ġejja mill-Grieg, "apokatastaseos," u hija kelma ta' għaqda doppja magħmula minn, "apo," "kata," u "histemi," u hija wżata hawn biss fit-Testment il-Ġdid; din hija terminu tekniku mediku, u tfisser restawrazzjoni kompleta għas-saħħa. L-ewwel miġja mmarkat il-bidu tal-perjodu tar-res-tawrazzjoni jew tiġdid, it-tieni miġja timmarka t-tmiem ta' dak il-perjodu. Kemm huwa differenti t-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu mit-tagħlim tal-profeti u l-għalliema foloz! L-iskop jew il-pro-feziji nkludew it-tnejn, kemm l-ewwel miġja u kemm it-tieni miġja ta' Kristu, u għalhekk inkludew il-perjodu magħruf bħala "t-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha" li aħna ninsabu fih.

Skond il-Kelma ta' Alla, Kristu ma jistax jiġi qabel mal-ħwejjeġ kollha jkunu mġedda u dan ma jħalli ebda lok għal-saltna ta' elf sena fuq l-art inkella l-Ispirtu s-Santu kien żbaljat meta nebbaħ lil Pietru biex jgħid dan il-kliem! Aħna qegħdin

ngħixu "fiż-żminijiet tat-tiġdid" *issa*. Is-silta ma tgħidx li Kristu għandu jiġi meta ż-żminijiet tat-tiġdid *jibdew*. Din tgħid sewwasew l-oppost. Ġesù Kristu għandu jibqa' fis-sema sa ma l-ħwejjeġ kollha jkunu mġedda. It-tieni miġja ta' Kristu timmarka t-tmiem, mhux il-bidu, taż-"żminijiet tat-tiġdid." Iva, iż-żminijiet tat-tiġdid jinsabu fil-proċess *issa*, u jispiċċaw meta "l-ħwejjeġ kollha" jkunu kompluti fix-"xogħol ta' fidwa" fil-miġja ta' Kristu. Dan ifakkarni fi kliem l-appostlu Pawlu fejn jgħid:

> "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħarfuhx aktar hekk*" (2 Korintin 5:16).

Imma skond il-millenjalisti hemm elf sena oħra li fihom aħna nagħrfu lil Kristu skond il-ġisem! Imma aħna naċċettaw il-klime ispirat ta' l-Ispirtu s-Santu li "***issa** ma nagħarfuhx aktar hekk*."

Ħaġa oħra ta' min jinnotaha, għaliex wieħed jiskanta sa fejn jaslu dawn il-profeti u għalliema foloz biex iqarrqu bis-segwaċi tagħhom, hija l-kelma "dinja" u l-kelma "żmien" fl-Iskrittura Mqaddsa.

Il-millenjalisti jassumu li l-espressjoni "dan iż-żmien" u "dak iż-żmien" tirriferi għall-millenju. F'Luqa naqraw hekk:

> "*U Ġesù wieġeb, qalilhom: Ulied did-dinja jiżżewġu, u jingħataw għaż-żwieġ: Iżda dawk li jkunu meqjusin li jistħoqqilhom dik id-dinja l-oħra, u l-qawmien mill-mewt, la jiżżewġu, u lanqas jingħataw għaż-żwieġ: lanqas jistgħu jmutu iżjed: għax huma bħall-anġli; u huma wlied Alla, billi huma wlied il-qawmien mill-imwiet*" (Luqa 20:34-36).

X'qiegħed jgħid Kristu hawn? Hu jgħid, "dawk li jkunu meqjusa li jistħoqqilhom *dik id-dinja*"—x'dinja? U l-qawmien mill-mewt—x'qawmien? "La jiżżewġu, u lanqas jingħataw għaż-żwieġ." Jirriferu dawn għalina f'millenju? Il-millenjalisti

għandhom mod perikoluż kif jilagħbu bil-kliem. Huma jgħidu, "*Dan* iż-żmien (did-dinja) u *dak* iż-żmien (dik id-dinja) mhumiex l-istess żmien"—għalhekk, wara t-tieni miġja ta' Kristu u qabel l-aħħar qawmien u ġudizzju, ikun hemm ħakma ta' elf sena ta' Kristu fuq l-art! L-ewwel ħaġa, kif diġa rajna minn Atti 3:20-21 dan ma jistax isir! It-tieni ħaġa hija: Kif huma jafu li "dak iż-żmien" jirriferi għall-ħakma ta' elf sena? Din is-silta ma tgħidux dan! Lanqas kelma waħda biss dwar dan! Kif huma jafu li "dak iż-żmien" ma jirriferixxix għal l-istat finali, is-sema nfisha, fejn huma "la jiżżewġu lanqas iżewġu, imma jkunu bħal l-anġli ta' Alla fis-sema" (Mattew 22:30)? Nistaqsi jien, ikun hemm żwieġ matul il-perjodu ta' ħakma ta' Kristu ta' elf sena fuq l-art li jgħallmu l-millenjalisti? Ikollhom huma iġsma tal-laħam? Jiżżewġu huma? Imutu? Jew dan ikun stat tad-dinja mlibbes b'dak kollu li toffri d-dinja? Fuq min Kristu jsaltan f'dan il-millenju? Xi kwalita ta' nies ikunu? Qiegħed tara sa fejn jaslu dawn il-profeti u għalliema foloz?

Imma qabel nagħlaq, ħalli nagħti eżempju ieħor dwar tagħlim falz ieħor tal-millenjalisti u li sfortunatament ħafna nies sinċiera qegħdin jinqbdu fin-nassa tagħhom.

Huma jgħallmu li għandu jkun hemm qawmien tat-tajbin u wara l-elf sena jkun hemm qawmien ieħor tal-ħżiena. Jekk inti taqbel ma' dan it-tagħlim falz, ara x'jgħid l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma Tiegħu. Ħalli ninnutaw xi siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa.

(1) Fi Ġwanni 6:39, 40, 44, 45, u Ġwanni 11:24, aħna għandna serje ta' skritturi li jgħidu li dawk li jkollhom il-ħajja ta' dejjem ikunu mqajma *fl-aħħar jum*. Imma Ġwanni 12:48 jgħidilna li dawk li jmaqdru lil Kristu u ma jilqgħux kliemu jkunu ġġudikati *fl-aħħar jum*.

1. Dawk li għandhom il-ħajja eterna jkunu mqajma *fl-aħħar jum*.
2. Dawk li ma jilqgħux il-kliem ta' Kristu jkunu ġġudikati *fl-aħħar jum*.

3. Għalhekk, il-qawmien tal-ġusti u l-qawmien tal-ħżiena jiġi fl-istess ħin. Il-millenjalisti għandhom elf sena bejn dawk iż-żewġ ġrajjiet u b'hekk jikkontradixxu l-Iskrittura.

(2) Fl-1 Korintin 15:51-52, l-appostlu Pawlu jgħid li l-mejtin ikunu mqajma u l-ħajjin ikunu mibdula *ma' l-aħħar tromba*. Fl-1 Tessalonikin 4:16, Pawlu jgħidilna li "l-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta' Alla: u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel."

Dan il-vers juri li *l-mejtin fi Kristu* jkunu mqajma l-ewwel —qabel mal-ħajjin fi Kristu jkunu meħuda—u huma jkunu maqbuda fl-ajru *flimkien* "biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru: u hekk inkunu għal dejjem mal-Mulej." Dik tkun *l-aħħar tromba*, jgħid l-Ispirtu s-Santu permezz ta' Pawlu fl-1 Korintin 15:51-52.

Il-qawmien tal-*mejtin fi Kristu* jkun ma' *l-aħħar tromba*. Jekk il-ħżiena huma mqajma *wara* l-elf sena, huma ma jkollhom *ebda tromba*. *L-aħħar tromba* sempliċiment tfisser *l-aħħar qawma*. L-aħħar tromba hija meta Kristu jiġi, meta l-mejtin fi Kristu jkunu maqbuda fl-ajru biex jiltaqgħu Miegħu, meta l-ġusti jkunu meħuda, skond Pawlu fl-1 Korintin 15: 51-52, u fl-1 Tessalonikin 4:16.

(3) Fi Ġwanni 5:28-29, Ġesù jgħid,

> "*La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa, li dawk kollha li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu, u joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen, għall-qawmien tal-kundanna.*"

Hawn għandna l-Kelma tal-Mulej Innifsu kontra l-kelma tal-profeti u l-għalliema foloz.

"*Dawk kollha*" li qegħdin fl-oqbra tagħhom tinkludi:

1. Dawk li għamlu t-tajjeb.
2. Dawk li għamlu l-ħażen.

Dawn joħorġu jew jiġu 'l quddiem *fl-istess siegħa*—mhux elf sena bogħod minn xulxin. U dan ikun meta huma jisimgħu leħnu. Dan, għalhekk, jarmonizza ma' l-1 Tessalonikin 4:16

meta Hu "jinżel *b'għajta*," u ma' l-1 Korintin 15:51 "ma' l-aħħar tromba." F'din il-konnessjoni:

> "*Aħna lkoll jaħtieġ nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu; biex kull wieħed jieħu l-ħlas tal-ħwejjeġ li kien għamel meta kien għadu fil-ġisem, sew tajjeb, u kemm ħażin*" (2 Korintin 5:10).

Fl-aħħar, l-iskop li nittratta ma' dawn is-siltiet f'dettall bħal dan huwa biex nuri li d-dottrina ta' saltna ta' millenju fil-futur *ma għandha ebda appoġġ* f'dawn it-testi profetiċi li aħna studjajna dwarhom, u li l-prattika li tneħħi dawn il-profeziji barra mill-kuntest storiku tagħhom li jwettaqhom hija li tagħti żmien ħażin u bla ebda ġustifikazzjoni u b'hekk tkun qed iġġib il-Kelma ta' Alla fix-xejn. Għalhekk, it-twissija:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6)

Imma sfortunatament hemm ħafna li ma jridux jisimgħu u qegħdin jaċċettaw it-tagħlim falz tal-millenjalisti li jwassalhom għat-telfien ta' dejjem ukoll għalkemm l-Ispirtu s-Santu jgħidilhom:

> "*Tħallux 'il min iqarraq bikom, **b'ebda mod!***" (2 Tessalonikin 2:3).